MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 66/1992/1

**Carmelo sive Charles Dingli, Mario u Joseph Dingli lkoll personalment kif ukoll bhala unici proprjetarji tad-ditta Reno Dingli**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru tal-Agrikoltura u Sajd, id-Direttur tal-Agrikoltura u d-Direttur tal-Kummerc**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Fil-kaz odjern is-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Prim Istanza fil-25 ta' Jannar 2005 giet appellata kemm mill-atturi kif ukoll mill-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd u mid-Direttur ta' l-Agrikoltura. L-appell principali ta' l-atturi jittratta dwar il-likwidazzjoni tad-danni kif maghmula mill-Ewwel Qorti, filwaqt illi l-appell incidentali tal-konvenuti essenzjalment jittratta dwar il-principju ta' l-istharrig gudizzjarju ta' decizjoni amministrattiva u dwar il-principju tar-responsabilità civili tal-Gvern ghad-danni fil-konfront tac-cittadin privat konsegwenti ghal att amministrattiv.

2. Il-fatti li tawk lok ghall-kaz odjern jistghu jigu sintetizzati hekk:

- Fl-20 ta' Settembru 1991 id-Dipartiment tal-Kummerc hareg licenzja favur l-atturi bin-Numru 2002950 ghall-importazzjoni ta' *canned chopped ham* fil-kwantitajiet u taht il-kondizzjonijiet hemm indikati. Din il-licenzja kienet valida sad-29 ta' Frar 1992.

- Fl-14 ta' Ottubru 1991 l-atturi dahlu f'kuntratt mad-ditta estera Theo Bauwens N.V. ghax-xiri ta' *canned chopped ham (not shoulderham)* fil-kwantitajiet u taht il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim.

- In segwitu ghal dan il-ftehim l-atturi importaw f'Malta zewg *containers*, il-konsenji importati rispettivament fis-26 ta' Novembru 1991 u fis-6 ta' Dicembru 1991, kontenenti *canned chopped ham* akkwistati minghand id-ditta Theo Bauwens N.V. Dawn iz-zewg konsenji ghaddew regolarment mid-Dwana kif jirrizulta mid-*Duty Entires* esebiti fl-atti tal-process[1].

- Meta l-atturi gew biex jottjenu r-rilaxx ta' dawn il-*containers* gew imwaqqfin mill-Kontrollur tad-Dwana ghaliex skond l-opinjoni tad-Direttur ta' l-Agrikoltura l-

[1] Dok. "C" u Dok. "D" a fol. 9 u 11 tal-process tal-Prim Istanza.

merkanzija importata ma kenitx konformi mal-licenzja ottenuta.

- L-awtoritajiet pubblici kompetenti rrifjutaw li jaghtu l-awtorizzazzjoni ghar-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni u l-atturi kellhom jimmagazzinaw l-istess *containers in bond* f'imhazen taghhom stess.
- In segwitu ghal dak li gara l-atturi issospendu l-importazzjoni f'Malta ta' *containers* ohra kontenenti merkanzija simili.

- L-atturi sostnew li r-rifjut ta' l-awtoritajiet pubblici kompetenti li jawtorizzaw ir-rilaxx taz-zewg *containers* bil-merkanzija importata f'Malta fis-26 ta' Novembru 1991 u fis-6 ta' Dicembru 1991 rispettivament, kien illegali u abbusiv billi fl-importazzjoni tal-merkanzija huma kienu konformi mal-kondizzjonijiet imposti fuqhom fil-licenzja mahruga favur taghhom.

- Sostnew ghalhekk illi b'konsegwenza ta' dan l-agir abbusiv u illegali ta' l-awtoritajiet pubblici kompetenti huma sofrew danni ingenti konsistenti fil-fatt li ma setghux jinnegozzjaw il-*containers* importati u li kienu ser jitilfu flejjes kbar u jehlu penalitajiet kif stipulati fil-kuntratt konkluz mad-ditta estera Theo Bauwens N.V.

- Ghalkemm l-awtoritajiet pubblici kompetenti gew interpellati mill-atturi biex jirrimedjaw ghas-sitwazzjoni, dawn baqghu ma ghamlu xejn, u ghalhekk l-istess atturi kienu kostretti jistitwixxu l-proceduri gudizzjarji odjerni fil-konfront tal-Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, id-Direttur ta' l-Agrikoltura u d-Direttur tal-Kummerc.

**<u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>**

3. B'att ta' citazzjoni pprezentat fl-24 ta' Jannar 1992 l-atturi talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex: (a) tiddikjara u tiddeciedi li l-merkanzija minnhom importata u minnhom ordnata skond il-kuntratt konkluz mas-socjetà estera Theo Bauwens N.V. kienet konformi u koperta fil-

licenzja mahruga fl-20 ta’ Settembru 1991 esebita ma’ l-att ta’ citazzjoni u mmarkata bhala Dok. “A”; (b) tordna r-rilaxx u sdoganar tal-merkanzija importata taht il-*customs entries* esebiti ma’ l-att ta’ citazzjoni u markati bhala Dok. “C” u Dok. “D” u dana billi l-istess merkanzija minnhom importata kienet konformi mal-licenzja imsemmija; (c) tiddikjara li l-konvenuti flimkien jew min minnhom responsabbli ghad-danni kollha li qeghdin isofru l-atturi minhabba l-agir abbusiv u illegali taghhom konsistenti fir-rifjut tar-rilaxx tal-merkanzija importata taht il-precitata licenzja; (d) tillikwida l-istess danni okkorrendo b’opra ta’ periti nominandi bhala konsistenti f’dak it-telf ta’ qligh u telf iehor kif ukoll hlas ta’ danni u penalitajiet inkorsi mill-atturi minhabba n-negozju; u (e) tikkundanna lill-konvenuti flimkien jew min minnhom jhallsu d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Jannar 1992.

4. In risposta ghat-talbiet attrici l-konvenuti, permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-2 ta’ Mejju 1992 (fol. 21), eccepew illi filwaqt li veru li l-atturi ghandhom licenzja ta’ importazzjoni ghal-*canned chopped ham,* il-merkanziji in kwistjoni importati minnhom assolutament ma jikkonsistux f’*canned chopped ham*.

5. Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fil-15 ta’ Lulju 1992 (fol. 84) id-Direttur ta’ l-Agrikolutra eccepixxa li c-citazzjoni attrici hi nulla stante li ai termini ta’ l-Artikoli 72 u 73 tal-Kapitolu 37 ta’ l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta, meta xi persuna tixtieq tharrek f’xi qorti bhala konsegwenza ta’ qbid ta’ oggetti, il-procedimenti ghandhom jinbdew b’rikors u mhux citazzjoni.

6. B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fl-20 ta’ Jannar 1995 (ara kopja a fol. 85) il-konvenuti eccepew illi: (a) t-talbiet attrici huma infondati stante li meta gie mizmum ir-rilaxx tal-merkanzija meritu tal-vertenza odjerna din saret in forza ta’ diskrezzjoni amministrattiva moghtija lill-ufficjali pubblici, liema diskrezzjoni mhix sindakabbli meta tkun ezercitata *in buona fede* u dan fit-termini permessi mil-Ligi, a tenur ta’ l-Artikolu 742(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

subordinatament illi (b) it-talba ta' l-atturi ghad-danni hi infondata ghaliex tikkostitwixxi talba ghal danni eventwali w ipotetici, u li l-atturi effettivament ma sofrewx.

**Sentenza appellata**

7. B'sentenza pronuncjata fil-25 ta' Jannar 2005 l-Ewwel Qorti ddisponiet mill-kawza billi, filwaqt li lliberat lid-Direttur tal-Kummerc mill-osservanza tal-gudizzju w astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici stante li l-mertu gie ezawrit fil-mori tal-kawza, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet l-ohra attrici u ghalhekk: (a) iddikjarat li l-merkanzija importata mill-atturi kienet konformi ma' u koperta bil-licenzja lilhom mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc fl-20 ta' Settembru 1992; (b) iddikjarat li l-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd u d-Direttur ta' l-Agrikoltura huma responsabbli *in solidum* ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba agir abuziv u illegali taghhom konsistenti fir-rifjut tar-rilaxx tal-merkanzija importata taht il-precitata licenzja; (c) illikwidat id-danni fis-somma komplessiva ta' hmistax-il elf tlett mija tlieta u sittin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm15,363.75) [illum ekwivalenti ghal €35,787.91]; u (d) ikkundannat lill-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, u d-Direttur ta' l-Agrikoltura *in solidum* ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidatat ta' Lm15,363.72 [€35,787.91], oltre l-ispejjez tal-kawza.

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni finali taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

<u>"L-eccezzjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura dwar il-procedura uzata</u>

"Din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta. Skond l-artikolu 164(2) tal-Kap. 12 (kif emendat bl-Att XXIV ta' l-1995 u applikabbli b'effett ta' l-artikolu 362 ta' l-istess Att) m'hemmx nullita` jekk kawza illi jmissha tingieb b'rikors minflok tingieb b'citazzjoni. Fi kwalunkwe kaz mill-provi ma jirrizultax li sar "qbid" ai termini tal-Kap. 37 peress illi mix-xiehda tal-atturi - mhux kontestata - jirrizulta li kif bdiet

tinhatt il-merkanzija, l-ufficjal tad-dwana talab il-parir tad-Direttur tal-Agrikoltura li ddecieda li l-prodott ma kienx *chopped ham* u li l-atturi kellhom jirritornaw lura ghand id-ditta estera u jwaqqfu kull importazzjoni ulterjuri ta' prodott bhal dak. Din l-eccezzjoni hi ghalhekk respinta.

“L-eccezzjoni fil-mertu dwar il-prodott

“Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li sostnew il-periti addizzjonali fir-rigward ta' din l-eccezzjoni:

“Ghall-kuntrarju ta’ dak li nghad mill-konvenuti, ma kienx hemm obbligu minn naha tal-atturi ‘qabel jew meta applikaw ghall-licenzja in kwistjoni’ li jindikaw lill-awtoritajiet ‘xi kwalita` ta’ *canned chopped ham* kienu se jimportaw.’ Wisq anqas kien inkombenti fuq l-atturi li jindikaw li l-prodott li kienu se jimportaw ‘ma kienx konformi mal-*Codex Alimentarius’.* It-talba tal-atturi kienet biss wahda ghall-hrug ta’ licenzja ghall-importazzjoni ta’ *canned chopped ham,* taht il-kondizzjonijiet li seta’ impona d-Dipartiment tal-Kummerc fuq il-hrug ta’ licenzja simili. Se mai kellhom ikunu l-awtoritajiet stess li jippreskrivu l-hrug tal-licenzja bil-kondizzjonijiet kollha mehtiega - fosthom dik li l-prodott in kwistjoni kellu, skond l-opinjoni tad-Direttur ta’ l-Agrikolutara (u mhux, jigi enfasizzat, ta’ xi dispozizzjoni fil-ligi taghna ta’ dakinhar) jikkonforma mad-definizzjoni tal-*Codex Alimentarius.* Dan kellu jkun car bizzejjed u, di piu’, kellu jigi komunikat lill-atturi qabel ma nghatatilhom il-licenzja. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet jinghad li nuqqas tal-awtoritajiet ma ghandux iledi d-drittijiet tal-atturi.

“Fil-fatt l-artikolu 12, subinciz (1) ta’ l-Att dwar il-Hwejjeg ta’ l-Ikel, Medicinali u Ilma tax-Xorb (Kap. 231) jiddisponi li l-Ministru responsabbli ghas-sahha pubblika jista’ jaghmel regolamenti dwar l-importazzjoni ta’ hwejjeg ta’ l-ikel mahsuba ghall-konsum mill-bniedem, kif ukoll jista’ jippreskrivi l-*istandards* tal-kwalita`, kompozizzjoni jew proprjeta` ohra minima possibbli ta’ dawk il-hwejjeg ta’ l-ikel. Skond l-artikolu 4, subinciz (2) ta’ l-istess Att, dawn ir-regolamenti ghandhom isiru mill-Ministru bil-parir tal-Board dwar *Standards* ta’ Hwejjeg ta’ l-Ikel (stabbilit bl-

artikolu 3 ta' l-istess Att). Di piu`, is-subinciz (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-istess Att jiddisponi li kull regolamenti (jew ordnijiet*)* maghmula mill-Ministru skond l-istess Att ghandhom jitqieghdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr wara li jsiru. Dawn id-dispozizzjonijiet huma kjarament ta' natura tassativa u, ghaldaqstant, kwalunkwe 'regolamenti' li suppost kienu jezistu u li ma gewx promulgati skond il-formalitajiet preskritti mill-ligi ma jistax ikollhom effett fil-konfront tal-atturi fic-cirkostanzi prezenti. Xejn ma jiswa li l-Codex *Alimentarius* huwa preparat minn kummissjoni teknika komposta minn membri rapprezentanti kemm tal-World Health Organization (WHO), kif ukoll tal-*Food and Agricultlure Organization (FAO),* it-tnejn ghaqdiet tal-Gnus Maghquda, jew li l-istess *Codex* huwa 'rikonoxxut bhala l-aktar kodici awtorevoli' fil-kontest tal-iklassifikar tal-prodotti tal-ikel. Anqas ma jreggi fid-dritt is-suggeriment li l-pajjizi membri shah tal-Gnus Maghquda (bhal ma jreggi fid-dritt is-suggeriment li l-pajjizi membri shah tal-Gnus Maghquda (bhal ma hi Malta) huma obbligati li jinfurzaw bhala ligi f'pajjizhom kull dispozizzjoni mahruga mill-ghaqdiet varji tal-istess Gnus Maqghuda, anke jekk ikunu membri ta' l-istess ghaqdiet. Din it-tezi tal-konvenuti hi kontradetta kemm mir-realta` oggettiva tad-dinja talllum kif ukoll mid-dottrina prevalenti fid-dritt pubbliku internazzjonal li tiddistingwi bejn dawk il-pajjizi li jaddottaw sistema maghrufa bhala *monism* u ohrajn (bhal Malta) li jaderixxu ghas-sistema dualista (jew, *dualism*)*.* Taht din ta' l-ahhar kull dispozizzjoni mahruga minn organu tal-Gnus Maqghuda (jew ta' kwalunkwe ghaqda internazzjonali ohra li taghha jkunu membri pajjizi) issir enforzabbli fil-pajjizi koncernati biss meta tigi espressament inkorporata fil-ligi permezz tal-organi legislativi tal-istess pajjizi.

"Din il-konkluzjoni hi msahha wkoll mill-konsiderazzjoni tan-natura penali ta' whud mid-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Hwejjeg ta' l-Ikel, Medicinali u Ilma tax-Xorb (Kap.231) li setghu, ipotetikament (u f'cirkostanzi kongruwi), sabu l-applikazzjoni taghhom fil-kontest tal-kaz odjern. Wiehed jista' jiccita f'dan ir-rigward l-artikolu 8, subinciz (1) li jiddisponi li l-bejgh bi pregudizzju ghax-

xerrej ta’ xi hwejjeg ta’ l-ikel mahsuba ghall-konsum mill-bniedem u li ma jkunux tax-xorta, sustanza jew kwalita` tal-hwejjeg ta’ l-ikel mitluba minn dak ix-xerrej, huwa reat. Ikun illegali wkoll (skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Att) li xi persuna turi ma’ xi hwejjeg ta’ l-ikel mizmuma ghall-bejgh, xi tikketta li tiddeskrivi b’mod falz dawk il-hwejjeg ta’ l-ikel, jew li tkun meqjusa li tqarraq dwar ix-xorta, is-sustanza jew il-kwalita` taghhom (artikolu 15, subinciz (1)). Ghall-fini ta’ dan l-artikolu, l-espressjoni ‘hwejjeg ta’ l-ikel’ tfisser hwejjeg ta’ l-ikel mahsuba ghall-konsum mill-bniedem (subinciz (5)). Kollox jintrabat imbaghad mal-artikolu 55 ta’ l-istess Att li jghid: ‘meta jkun hemm raguni bizzejjed biex wiehed jahseb li xi persuna tkun kisret xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att jew ta’ xi regolamenti maghmula bis-sahha tieghu, il-Pulizija ghandha, fuq ir-rapport ta’ l-awtorita’ sanitarja, tiehu procedimenti kriminali kontra l-hati quddiem il-Qorti kompetenti.’

“Issa huwa insit fid-dritt li hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba f’xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak (artikolu 39, subinciz (8) tal- Kostituzzjoni ta’ Malta; ara wkoll, Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, illum parti mill-ligi ta’ Malta permezz ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja – Kap. 319, cf. L-Ewwel Skeda taht l-artikolu 2 tal-Att). Il-Professur Sir Anthony Mamo (*Lectures in Criminal Law,* 1965, p 18) jirreferi ghan-

necessity of positive enactments by the State whereby it authoritatively declares the rules which it intends to enforce and intimates the penalties which the breach of those rules will entail. The enactment of such laws is a guarantee of the rights of the individual. Every member of the community has complete freedom of action so long as he does not unjustly interfere with any rights of others protected by the State. And he cannot, therefore, be subjected to punishment for anything done by him except in as much as he knew the action to be a violation of a rule of conduct which the State required to be observed. On the other hand, the State cannot have the proof of such guilty knowledge unless it has previously

authoritatively declared the rules which it intends to enforce. Such formal declaration is a condition precedent to the application of the sanction in courts of justice. Thus legislation satisfies the requirements of natural justice that laws should be known before they are enforced…No act or omission can be considered as a criminal offence unless it has been so declared by the law of the State: *nullum crimen sine lege; nullum crimen sine praevia lega poenali*…. Thus enacted or statutory law, that is, the law made by the formal and express declaration of the legislative authority is – at any rate in our system - the only legal source of Criminal Law.

*"Dan il-gurekonsult eminenti imbaghad jippuntwalizza (op cit p 30) illi:* ' a law comes into being as soon as it is enacted in due form by the authority in which the function of legislation is vested…*[and it is]* published.' *Ghaldaqstant ma jistax jigi pretiz li l-atturi setghu inkorrew responsabbilita` penali a bazi ta'* standards *inkorporati f'regolamenti fi zmien meta dawn l-istess regolamenti ma kienux (bhala stat ta' fatt) parti mill-ligi ta' pajjizna. F'dan ir-rigward ta' min jiftakar li skond l-artikolu 124, subinciz (1) tal-Kostituzzjoni, il-kelma 'ligi' tfisser ukoll 'kull dokument li jkollu l-forza ta' ligi'. Jigi ghalhekk ribadit li huwa car li ligi, partikolarment ligi li testendi l-possibilita' ta' sanzjoni penali, ma tidholx fis-sehh u ma ghandhiex effett sakemm ma tigix debitament pubblikata (fil-Gazzetta tal-Gvern).*

*"Il-fatt li aktar tard il-*Codex Alimentarius *gie introdott espressament fil-ligi taghna permezz ta' Avviz Legali numru 65 tal-1992 (li ippromulga ir-'Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Prezentazzjoni ta' Hwejjeg ta' l-Ikel') juri kemm qabel dakinhar ma setax jigi prezunt li l-istess* Codex *kien parti mill-ligi ta' pajjizna. Fil-fatt ir-regolament 4.1 ta' l-istess Regolamenti jiddisponi illi hwejjeg ta' l-ikel ippakkjati minn qabel ghandu jkollhom fuqhom tikketta li jkun fija l-isem tal-haga ta' l-ikel, u li l-isem ghandu jindika n-natura vera tal-haga ta' l-ikel u, hlief jekk mhux prattikabbli, ghandu jkun specifiku u mhux generiku. Imbaghad is-subinciz (a) tar-regolament 4.1.1 ta' l-istess Regolamenti jghid li meta isem jew ismijiet ikunu gew*

*stabbiliti ghal haga ta' l-ikel fi* standard *approvat mill-*Codex Alimentarius Commission *dan l-isem jista' jintuza.*

*"Skond ir-regolament 21.1.2 ta' l-istess Regolamenti, kemm ir-regolament 4.1 kif ukoll ir-regolament 4.1.1 dahlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1993. Di piu` r-regolament 21.1 jghid illi d-dispozizzjonijiet kollha ta' l-istess Regolamenti ghandhom, ghar-rigward ta' kull hwejjeg ta' l-ikel importati fl-1 ta' Jannar 1993 jew wara, japplikaw bhallikieku l-imsemmija Regolamenti kienu diga' fis-sehh. Issa, kif diga' inghad, il-merkanzija in kwistjoni giet fizikament importata f'Malta f'zewg konsenji separati, wahda fis-26 ta' Novembru 1991 u ohra fis-6 ta' Dicembru 1991. Ghalhekk huwa car illi*, a prescindere *mill-fatt illi t-test tal-ligi fil-kontest tal-uzu tal-*istandards *tal-*Codex Alimentarius *ma huwiex tassattiv, l-istess* Codex *ma setax jigi applikat ghar-rigward tal-merkanzija in kwistjoni. Dan* a maggior forza *minhabba l-fatt illi, in virtu` ta' l-istess Regolamenti (precizament regolament 20.1), hu reat illi persuna, fost affarijiet ohra, timporta haga ta' l-ikel li ma tkunx tikkonforma mad-dispozizzjonijiet ta' l-istess Regolamenti. Huwa ghalhekk evidenti illi l-legislatur gustament ghazel illi ma jaghtix effikacja retroattiva lil dawn ir-Regolamenti, kif forsi kellu s-setgha li jaghmel in virtu` tal-artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249), u dan partikolarment in vista tal-konsegwenzi penali li dispozizzjonijiet ta' din ix-xorta kienu jimplikaw kieku gew hekk applikati.*

*"Jigi osservat ukoll li skond il-kopja tal-licenzja esebita (a fol 42 tal-process) l-importatur kellu jikkonforma ma' xi kondizzjonijiet li kienu redatti b'mod pjuttost generiku. Fost dawn insibu l-kondizzjoni li l-merkanzija setghat tigi importata* '(1) subject to usual Health Conditions on such importation.' *Jidher car li hemm qabza kbira bejn din it-terminologija miftuha u l-*istandards *kontenuti fil-*Codex Alimentarius. *Ghaldaqstant ma huwiex lecitu li wiehed isostni li d-dispozizzjonijiet tal-*Codex *setghu kienu, anke implicitament, assorbiti minn din il-kondizzjoni. L-istess jinghad ghar-rigward tat-tieni kondizzjoni li kienet taqra:* '(2) Goods not to be released unless they fall under the Harmonised System Code number as shown above.'

*Wiehed ma jistax ghalhekk ma jaqbilx mal-argument tal-atturi fis-sens illi la darba inharget il-licenzja bil-kondizzjoni li l-attui jimportaw biss* canned chopped ham *minghajr ebda kondizzjoni fuq il-kompozizzjoni tal-prodott, allura kull prodott li jista' xjentifikament jigi klassifikat bhala tali huwa kopert bl-istess licenzja. F'dan il-kontest jinghad li l-opinjoni tal-Perit Tekniku (a fol 64-65 tal-process) - Rapport mahluf fit-28 ta' April 1992 - fis-sens li l-merkanzija in kwistjoni tista' tigi ikklassifikata bhala* chopped ham *hija rilevantissima. Fil-fatt fl-opinjoni tal-Perit Tekniku id-daqs tal-bicciet tal-laham m'huwiex fattur daqstant importanti fl-iklassifikar tal-prodott. Konsegwentement billi l-karatteristici l-ohra tal-prodott in kwistjoni aktar jixbhu dawk ta'* chopped ham *milli* cured ham *huwa implicitu, skond l-istess Rapport Tekniku, li l-prodott ghandu jigi klassifikat bhala* chopped ham. *Ma jidhirx li hemm x'jizdied ma' din l-opinjoni esperta. Madankollu jinghad ukoll li jirrizulta mis-'*Certificate of Analysis or Examintion carried out under Food Safety (Sampling and Qualifications) Regulations 1990' *(a fol 30 tal-process) preparat minn certu Dr. M. Riebbels (tabib veterinarju) li* 'this sample is a sectioned and reformed ham and can be labelled as a chopped ham in accordance with the Food and Safety Act 1990'. *Di piu`, wara spezzjoni tal-prodott maghmula mill-*Ministry of Public Health and Family of the Kingdom of Belgium *(a fol 31 tal-process) il-prodott in kwistjoni gie deskritt bhala '*cooked chopped ham.' *Dan gie kkonfermat ukoll mill-attur Mario Dingli, fl-affidavit tieghu tal-25 ta' Marzu 1993 (a fol 39 u 40 tal-process); kif ukoll minn Hugo Bauwens (li huwa wiehed mit-titulari tad-ditta esportatrici), fl-affidavit tieghu tat- 18 ta' Marzu 1992 (a fol 26 u 27 tal-process).*

*"Ta' importanza akbar hija l-ammissjoni da parti tad-Direttur tal-Agrikoltura li l-*Codex Alimentarius *ma kienx fi zmien* de quo *'parti mill-ligi ta' Malta' (a fol 45 u 313 tal-process).*

*"Mis-suespost huwa evidenti li l-merkanzija importata kienet konformi mal-licenzja ghall-importazzjoni mahruga favur l-atturi.*

“Ma' dan din il-Qorti taqbel perfettament u m'ghandha xejn aktar x'izzid.

“L-eccezzjoni dwar l-uzu ta' diskrezzjoni amministrattiva

Tajjeb qabel xejn li jigi soffermat li b'effett ta' l-artikolu 362 ta' l-Att XXIV ta' l-1995 li emenda l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, id-disposizzjonjiet tal-ligi principali, kif emendati bl-istess Att, japplikaw fil-konfront tal-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li ghalihom jghoddu dawk il-ligijiet u li f'dik id-data jkunu ghadhom pendenti u ma ghaddewx in gudikjat. Huwa wkoll pacifiku fid-dottrina li ligijiet procedurali ghandhom effett immedjat anke fir-rigward ta' kazijiet gia` ezistenti qabel id-dhul fis-sehh tal-ligi u li jkunu ghadhom pednenti mad-dhul fis-sehh tal-ligi. Ghalhekk huwa car li wara l-1 ta' Ottubru 1995 (meta dahal fis-sehh l-Att XXIV ta' l-1995) ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 201 ta' l-istess Att (kif riprodotti fl-artikolu 469A tal-kap. 12 konsolidat). Konsegwentement id-disposizzjonjiet ta' l-artikolu 742(2) (li fuqhom l-ewwel perit legali kien ibbaza l-konsiderazzjonijiet tieghu stante li pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-4 ta' Ottubru 1995) li gew sostitwiti permezz ta' l-artikolu 283 ta' l-imsemmi Att ma ghandhomx jigu konsidrati fil-kaz odjern.

“Issa l-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati stante li meta gie mizmum ir-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni, dan sar in forza ta' diskrezzjoni amministrattiva moghtija lill-ufficjali pubblici, liema diskrezzjoni mhix sindakabbli meta tkun ezercitata, bhal fil-kaz odjern, in buona fede, u dan fit-termini permessi mil-ligi. Il-periti addizzjonali jghidu hekk dwar din l-eccezzjoni:

“F’dan ir-rigward jigi puntwalizzat illi l-Qorti ghandha tillimita l-istharrig taghha ghad-domanda jekk il-merkanzija li l-atturi impurtaw kienitx konformi mal-licenzja ta’ importazzjoni. Dan l-istharrig, ghall-kuntrarju ta’ dak li gie suggerit mill-konvenuti, ma jwassalx ghal dikjarazzjoni li l-merkanzija in kwistjoni kienet jew ma kienitx *canned chopped ham* . Wisq anqas jista’ jinghad li permezz ta’

dan l-ezercizzju l-Qorti qieghda tiddetermina b'mod kategoriku li hemm xi definizzjoni ta' *canned chopped ham* li 'hija dik tajba u li ohrajn huma hziena.' Dan, kif tajjeb gie osservat, ma hux kompitu ta' din il-Qorti. Il-kompitu tal-Qorti fil-kaz odjern huwa dak li tiddeciedi jekk il-merkanzija importata mill-atturi kienitx konformi mal-kondizzjonijiet imposti mil-licenzja mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc. Dan iwassal biex il-Qorti tiddeciedi jekk fil-verita` d-dispozizzjonijiet tal-*Codex Alimentarius* kienux jifformaw parti integrali mill-kondizzjonijiet li tahthom inharget il-licenzja ta' importazzjoni favur l-atturi. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li dan l-ezercizzju jiskonfina l-gurisdizzjoni moghtija lil din il-Qorti taht il-Kostituzzjoni bhala entita` gudizzjarja, jew li l-Qorti ma tistax tintalab taghmel apprezzament ta' fatt materjali ta' din in-natura.

"Huwa principju bazillari tas-sistema legali ta' pajjizna illi l-istharrig gudizzjarju tal-validita` ta' ghemil amministrattiv huwa poter inerenti tal-qrati li jimmanifesta ruhu fis-sindakar tal-legalita` ta' att u fl-oghti ta' rimedju xieraq f'kaz ta' illegalita`. Ghal dan il-ghan m'hijiex rikjesta xi awtorita` statutorja. Fil-fatt dan il-poter huwa msejjes fuq principji insiti fil-Kostituzzjoni, in partikolari il-principju tas-*separation of powers,* dak tas-*supremacy of law*, kif ukoll dak ta' l-indipendenza tal-gudikatura. Konsegwentement qorti li tistharreg l-ghemil gudizzjarju ta' awtorita` pubblika taghmel dan in virtu` tal-funzjoni generika taghha li hi dik li thares id-dritt jew, fi kliem iehor, 'l-istat ta' dritt' - jew ahjar, ir-*rule of law.*

"Isegwi illi kull meta qorti tiddeciedi li xi ghemil amministrattiv huwa invalidu fid-dritt ikun hemm inferenza li l-awtorita` pubblika koncernata marret oltre l-limiti imposti mil-ligi u ghalhekk l-ghemil huwa *ultra vires.* Ghalhekk huwa pacifiku li l-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett (ara f'dan is-sens, artikolu 469A(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili- Kap. 12). Din il-gurisdizzjoni titnissel mill-principju li awtorita` pubblika ma ghandhiex tagixxi

barra l-kompetenza taghha (fi kliem iehor, *ultra vires*) u, di piu`, li ma ghandhiex hi stess tkun l-arbitru tal-konfini tal-kompetenza (u l-poteri relativi) taghha.

“Hija propju l-funzjoni tal-qrati li jissindakaw il-konfini oggettivi ta’ dawn il-poteri. Ghaldaqstant kull meta l-ligi taghti lil awtorita` pubblika l-fakolta` li tezercita diskrezzjoni soggettiva dan l-ezercizzju ma huwiex sindakabbli mill-qrati. Minn naha l-ohra, l-ezercizzju ta’ diskrezzjoni oggettiva huwa suxxettibbli ghall-iskrutinju tal-qrati.

“Fil-vertenza odjerna d-Direttur tal-Agrikoltura wasal ghall-konkluzjoni li l-prodott in kwistjoni ma setax jigi klassifikat bhala *canned chopped ham* u ghalhekk ma kienx konformi mal-licenzja ta’ importazzjoni. Dan jammonta ghal konstatazzjoni ta’ fatt u, ghaldaqstant, l-agir tieghu huwa soggett ghall-iskrutinju tal-qrati. Ghall-kuntrarju, fejn l-awtorita` pubblika tkun moghnija bil-fakolta` li tiddetermina l-fatti u li tiehu decizjoni a bazi ta’ l-istess fatti hekk determinanti, mhux permess li l-qrati jergghu jghaddu gudizzju u b’hekk jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik ezercitata mill-awtorita’ pubblika. Dan kien ikun il-kaz, per ezempju, kieku d-Direttur kellu xi diskrezzjoni fil-ligi li jiddefinixxi huwa stess in-natura ta’ *canned chopped ham.*

“Dan kollu jinghad fuq l-iskorta ta’ gurisprudenza ormai kostanti f’dan is-sens. Wiehed jista’ jiccita decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *Debono noe* vs *Tabone noe* (24 ta’ Gunju 1970) fejn intqal:

‘ma hemm xejn x’jimpedixxi d-dritt normali ta’ kull cittadin jew ghaqda ta’ cittadini li jimpunjaw fil-Qrati l-attijiet kollha governativi non-diskrezzjonali. Kieku ma kienx hekk kull ufficjal governativ ikun *“above the law*” fl-ezercizzju ta’ kull funzjoni tieghu, u din mhix il-pozizzjoni tal-Ezekuttiv fil-pajjiz….L-attijiet kollha tal-Ezekuttiv, bhal dawk tal-privat, ma jistghux ikunu kontra l-ligi ghax il-ligi qatt ma tawtorizza illegalitajiet.’

"Issa m'hemmx dubju li l-qrati civili huma kompetenti sabiex jiehdu konjizzjoni tal-vertenzi prezenti, u dan b'effett ta' l-artikolu 469A(1)(*b*) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli (*vide supra re* effett tad-dispozizzjonijiet tranzitorji tal-Att XXIV tal-1995). Din id-dispozizzjoni tghid li l-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemel null, invalidu jew minghajr effett meta l-ghemil ikun *ultra vires.* Ghemil amministrattiv (li skond l-artikolu 469A (2) jista' jkun, fost l-ohrajn, hrug ta' ordni, decizjoni jew rifjut ghal talba ta' xi persuna, li jsir minn awtorita' pubblika) ikun *ultra vires* (fost kazijiet ohra):

- meta jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti (artikolu 469A (1)(*b*)(*iii*)); jew

- meta jmur kontra l-ligi (artikolu 469A (1)(*b*)(*iv*)).

"Huwa ben kjar illi meta r-rilaxx tal-merkanzija gie mizmum fuq ordni tal-Kontrollur tad-Dwana u tad-Direttur ta' l-Agrikoltura irriskontra ruhu ghemil amministrattiv *ultra vires.* Dan ghaliex il-konvenuti hawn fuq citati, presumibilment a bazi ta' poteri fuqhom konferiti permezz tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37), l-Ordinanza dwar is-Servizz Veterinarju (Kap. 96) u l-Att dwar Hwejjeg ta' l-Ikel, Medicinali u Ilma tax-Xorb (Kap. 231), ikkontendew li l-merkanzija in kwistjoni ma kienitx tikkonforma mal-licenzja billi ma kienitx tixbah id-deskrizzjoni tal-prodott kontenuta fil-*Codex Alimentarius.* Issa jigi ribadit li dan il-*Codex* f'dak iz-zmien ma kienx in vigore f'dawn il-Gzejjer. Ghaldaqstant jidher li l-awtoritajiet koncernati taw ordni a bazi ta' konsiderazzjonijiet li ma kienux, f'dak il-mument, rilevanti u allura skonfinaw l-awtorita` (jew gurisdizzjoni taghhom).

"F'terminologija ohra, huwa evidenti li l-awtoritajiet koncernati ma uzawx kriterji ragjonevoli fil-qadi ta' dmirijiethom. Dawn il-konkluzjonijiet huwa konfortati mill-gurisprudenza. F'dan il-kuntest il-Qorti ta' l-Appell, f'sentenza tat- 18 ta' Novembru 1994, fl-ismijiet *Pace* vs *Kummissarju tal-Pulizija et,* osservat:

‘ir-raguni, naturalment, hija li fi stat ta’ dritt, bhal ma huwa l-iStat ta’ Malta huwa bazillari li kull persuna li hija moghtija awtorita’ u setgha fil-livelli kollha tal-istrutturi kollha kostituzzjonali u amministrattivi, ghandha d-dover li taqdi l-funzjonijiet taghha fil-limiti u l-parametri li fihom id-dover huwa kalat u ddettat mill-ligijiet.’

“Fil-kaz *Pace et* vs *Anastasi Pace noe* (Vol. XXXII. ii. 317), il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, nhar l- 1 ta’ Mejju 1946, iddikjarat:

‘Att diskrezzjonali ta’ ufficjal jew korp amministrattiv jista’ jigi sindakat mill-Qorti fis-sens…. li t-tribunal jara jekk l-att hux legali *(“within the terms of the statute*”), jekk gewx osservati l-proceduri mehtiega (*“complied with regulations”*), u jekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kienx *“fair and honest”.’*

“Fuq l-insenjament ta’ din il-gurisprudenza huwa car li l-konvenuti agixxew *ultra vires* u ghaldaqstant, l-ghemil taghhom huwa sindakabbli mill-Qorti.

“Din il-Qorti, wara li ezaminat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet, hi tal-fehma li effettivament il-periti addizzjonali ghamlu analizi korretta tal-fatti u tal-ligi applikabbli li timmerita akkoljiment. Ghalhekk irid jigi determinat min mill-konvenuti huwa responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi u x'inhuma dawn id-danni. Hawn il-Qorti tirreferi mill-gdid ghar-relazzjoni tal-periti addizzjonali li jikkonkludu li l-konvenuti kollha hlief id-Direttur tal-Kummerc, ghandhom jitqiesu responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi u effettivament jghaddu biex jillikwidaw tali danni:

“L-artikolu 1031 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jiddisponi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. Issa skond is-subinciz (1) tal-artikolu 1032 tal-Kodici Civili ‘jitqies fi htija kull min fl-eghmil ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja.’ Di piu`, l-artikolu 1033 jghid li ‘kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diligenza,

ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.'

"Fl-ewwel lok jinghad illi l-amministrazzjoni hija suggetta ghad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili (u ta' kwalunwe ligi ohra) fuq ir-responsabbilita' delittwali u kontrattwali. Ghalhekk f'*Cassar Desain* vs *Forbes noe* (7 ta' Jannar 1935) il-Qorti ta' l-Appell waslet ghall-konkluzjoni li:

'Our written codes do not discriminate between the Crown (as the Government is expressly termed in various provisions) and its subjects in regard to the operation and administration of the law; and *ubi lex non distinguit nec nos distinguire debemus* – and the very exceptional cases in which such distinction is made only serve to prove and confirm the general rule….The Crown in Malta is generally speaking, subject to the ordinary laws and amenable to the jurisdiction of the ordinary Courts.'

"Issa l-atturi qeghdin isostnu illi bl-agir taghhom il-konvenuti inkorrew responsabbilita` delittwali stante li wara li awtorizzaw lill-atturi biex jimportaw *canned chopped ham* minghajr ebda kwalifika ulterjuri huma arrogaw ghalihom id-dritt illi jirrifjutaw importazzjoni tal-prodott li ma kienx jikkwalifika bhala *chopped ham* taht il-*Codex Alimentarius* li dak iz-zmien ma kienx vigenti f'Malta.

"A bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula *supra* jidher li din it-talba hija legittima. Madankollu, bir-rispett, il-Periti Addizzjonali ma jikkondividux il-konkluzjonijiet tal-Perit Legali fir-rigward tar-responsabbilita' tad-Direttur tal-Kummerc. Skond l-abbli Perit Legali id-Direttur tal-Kummerc 'kien fid-dover' li 'jispecifika lill-atturi xi kwalita` ta' *chopped ham* setghu u/jew ma setghux idahhlu f'Malta u mhux johrog licenzja minghajr limitazzjoni jekk il-Gvern kien iddecieda li ser jaccetta f'Malta prodott li jikkwalifika biss taht il-*Codex Alimentarius'* (a fol 208 tal-process). Pero` huwa implicitu li l-imsemmi konvenut kellu, f'sitwazzjoni bhal din, jigi dirett mill-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tal-importazzjoni ta' hwejjeg ta' l-ikel ghall-

konsum mill-bniedem. Fil-fatt jidher car mix-xhieda tad-Direttur ta’ l-Agrikoltura li meta nharget il-licenzja in kwistjoni l-*Codex Alimentarius* ma kienx jifforma parti mill-ligi ta’ pajjizna u, ghaldaqstant, ma jistax jigi prezunt li d-Direttur tal-Kummerc (minghajr senjalazzjoni in propozitu mill-awtoritajiet kompetenti fil-kontest) kellu jinforma lill-atturi b’dawn l-*istandards* li fil-fatt ma kienux jezistu fil-ligi taghna dakinhar. Tant hu hekk illi, kif tajjeb osserva l-Perit Legali (a fol 208 tal-process), meta l-atturi talbu licenzja gdida d-Direttur tal-Kummerc (wisq probabilment f’dan l-istadju edott bil-fatti tar-rifjut tal-rilaxx tal-merkanzija taht l-ewwel licenzja) talab il-kunsens prevju tad-Direttur tal-Agrikoltura. Kif tajjeb irrelata l-Perit Legali dan il-kunsens fil-fatt ma nghatax u ghalhekk dan it-tieni permess ma harigx. Dan pero` (ghal kuntrarju ta’ dak li jsostni l-abbli Perit Legali) ma jammontax ghal xi obbligu da parte tad-Direttur tal-Kumerc li jitlob il-kunsens prevju tad-Direttur tal-Agrikoltura ghall-hrug tal-licenzja in kwistjoni meta ma kienx jaf (u kif gie argumentat, ma setax ikun jaf) bl-ezistenza ta’ xi limitazzjoni fuq l-importazzjoni ta’ prodotti tal-ikel, bhal ma hu l-*canned chopped ham.*

“Il-Periti Addizzjonali jaqblu mas-sustanza tal-konkluzjonijiet tal-abbli Perit Legali (a fol 209-218 tal-process) rigward ir-responsabbilita` tal-Kontrollur tad-Dwana u tad-Direttur tal-Agrikoltura. Ghalhekk, ghalkemm forsi jista jinghad li l-Kontrollur tad-Dwana ma kienx f’pozizzjoni li jiddetermina jekk il-prodott in kwistjoni setax jigi klassifikat bhala *canned chopped ham* jew le, xorta jibqa’ l-fatt illi huwa seta’, kieku ried, attinga ruhu mal-kondizzjonijiet imposti mill-licenzja ghall-importazzjoni u, a bazi ta’ dawk il-kondizzjonijiet, irrilaxxa l-merkanzija in kwistjoni. Kieku ghazel din it-triq (li, jigi osservat, kienet l-aktar wahda ragjonevoli fic-cirkostanzi) il-Kontrollur tad-Dwana ma kien jinkorri ebda responsabbilita`. Dwar ir-responsabbilita` tad-Direttur tal-Agrikoltura ftit hemm x’jinghad. Bizzejjed jigi osservat illi kien dan il-konvenut li ghazel li jiddetta kondizzjonijiet ghall-importazzjoni ta’ *canned chopped ham* li, kif kien jaf hu stess, ma kienux f’dak iz-zmien rikjesti mill-ligi taghna u li, di piu` u fi kwalunkwe kaz, ma kienux gew migjuba ghall-attenzjoni

tal-atturi qabel ma dawn ipprocedew biex jimportaw il-merkanzija in kwisjtoni. Konsegwentement ma jidhirx li hemm dubju dwar il-kolpevolezza, fic-cirkostanzi, ta’ dawn iz-zewg konvenuti.

“Dwar il-pozizzjoni tal-konvenut Ministru tal-Agrikoltura il-Perit Legali jghid hekk (a fol 213-214 tal-process): ‘In vista ta’ dak provdut fl-artikolu 6 (c) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249)…. l-istess Ministru seta’ jaqleb id-decizjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura. Gialadarba l-istess konvenut iddecieda li jaccetta d-decizjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura, u billi huwa dan il-konvenut li huwa responsabbli skond il-Kostituzzjoni ta’ Malta ghall-atti tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, allura dan il-konvenut ghandu l-istess responsabbilita` versu l-atturi li jista’ jkollu d-Direttur tal-Agrikoltura.’

“Il-Perit Addizzjonali izidu ma dan billi jippuntwalizzaw illi r-responsabbilita` tal-Ministru ghall-operat tad-Dipartiment koncernat u tal-funzjonarji ezekuttivi kollha tieghu tirrizulta esspressament mill-artikolu 82, subinciz (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta li jghid illi l-President jassenja lil kull Ministru r-responsabbilita` ta’ xoghol tal-Gvern maghduda l-amministrazzjoni ta’ xi dipartiment tal-gvern.

“It-talba ghad-danni da parti tal-atturi fil-vertenza odjerna hi legittima u konformi mal-ligi li tghid li l-attur jista’ jressaq talba ghall-hlas tad-danni rizultanti mir-responsabbilita` delittwali ta’ l-awtorita’ pubblika naxxenti minn att amministrattiv (artikolu 469A, subinciz (5) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12). Id-danni jinghataw meta l-qorti ssib illi l-awtorita` pubblika tkun agixxiet in *mala fede* jew b’mod li mhux ragjonevoli (ibid).

“Issa fil-kaz prezenti, kif diga` inghad, l-organi amministrattivi koncernati ma agixxewx b’mod li jista’ jissejjah ragjonevoli. Ghalaqstant huwa implicitu li f’dan il-kaz it-talba ghad-danni ghandha tintlaqa’.

“<u>Likwidazzjoni tad-danni</u>

"Il-likwidazzjoni tad-danni ssir fid-dritt a bazi ta' zewg artikoli tal-Kodici Civili (Kap. 16): l-artikolu 1031 li jghid li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu; u l-artikolu 1045, subinciz (1) li jghid li l-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha hija:

- it-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmal minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali (*damnum emergens*); u

- it-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib (*lucrum cessans*); f'dan ir-rigward is-subinciz(2) tal-istess artikolu jghid li s-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz u, b'mod partikolari, xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

"F'dan il-kontest il-konvenuti eccepew illi t-talba tal-atturi ghad-danni hija infondata ghaliex tikkostitwixxi talba ghal danni eventwali u ipotetici li d-ditta attrici effettivament ma sofrietx. Jinghad hawnhekk illi dina l-eccezzjoni tigi trattata fir-rispett ta' kull kap separat tat-talbiet ghad-danni (*infra*).

"Il-principju kardinali li ghandu jirregola kwalunkwe talba ghad-danni huwa dak li jrid jezisti ness ta' kawzalita` bejn ir-responsabbilita` delittwali tal-konvenuti u d-danni sofferti mill-atturi. Jigi premess ukoll illi huwa pacifiku li l-vittma ma tistax titlob danni li setghet tevita minhabba l-obbligu li timminimizza id-danni minghajr ma tippregudika l-pozizzjoni taghha.

<u>"It-talbiet ghad-danni tal-atturi (a fol 69-72 tal-process)</u>

"(i) Penalitajiet imposti mid-ditta Theo Bauwens nv skond il-klawzola (8) tal-ftehim tal-14 ta' Ottubru 1991 (a fol 7-8 tal-process) u interessi relattivi. F'dan ir-rigward jinghad li, minn dak li jirrizulta mix-xhieda, il-prodott kien jigi preparat skond l-*ispecifications* mitluba mill-istess

atturi (*vide* xhieda tat-titulari tad-ditta mittenti moghtija fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 1994, a fol 447 tal-process). Konsegwentement huwa evidenti illi kien fil-mansjoni tal-atturi, wara li gew mizmuma l-ewwel zewg konsenji tal-prodott, li jaghtu struzzjonijiet godda lis-supplituri taghhom fil-Belgju rigward l-*ispecifications* tal-prodott in kwistjoni sabiex dawn jippreparaw il-prodott taghhom in konformita’ mal-kondizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet kompetenti; b’hekk illi l-kwantita` tal-prodott li, kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, l-atturi kellhom jixtru minghand is-supplituri Belgjani setghat tigi importata minghajr biza’ li jinzamm ir-rilaxx taghha malli tasal Malta. B’dan il-mod, kif tajjeb irrelata l-abbli Perit Legali, il-kuntratt ma kienx jinkiser u l-ebda penali ma kienet tkun imponibbli. Ghalhekk huwa ovvju illi f’dan il-kontest ma jissustix in-ness bejn ir-responsabbilita` delittwali tal-konvenuti u t-talba tal-atturi - fi kliem iehor il-hsara sofferta mill-atturi ma kienitx rizultat dirett tal-agir delittwali tal-konvenuti. Inoltre (u bla pregudizzju ghal dak li gia` nghad) huwa evidenti illi l-istess atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jevitaw danni potenzjali, minkejja li setghu jaghmlu hekk minghajr pregudizzu ghall-interessi taghhom. Fi kwalunkwe kaz jinghad ukoll illi din it-talba hija wahda ghal danni eventwali u ipotetici u ghaldaqstant ma tistax issir likwidazzjoni ta’ danni ta’ din in-natura (inkluzi l-interessi ancillari) f’dawn ic-cirkostanzi.

“(ii) Bhala parti mid-*damnum emergens* (fis-sens ta’ spejjez li l-vittma ‘setghet kellha taghmel minhabba l-hsara’) jidher li l-imghax kummercjali fuq iz-zewg konsenji li ma thallsux billi ma kienux gew rilaxxjati m’ghandux jigi rizarcit. Dan partikolarment in vista tal-fatt illi sa llum dan l-imghax ghadu ma thallasx mill-atturi u ghalhekk huma ma jistghux jargumentaw illi sofrew danni permezz tal-hlas tieghu. Jibqa’ pero’ impregudikat id-dritt ta’ l-atturi *si et quatenus* illi jitolbu dan il-hlas f’kaz illi effettivament huma jhallsu l-istess lid-ditta mittenti.

“(iii) u (iv) Ghar-ragunijiet suesposti (a para (i) *supra* il-Periti Addizzjonali jissottoskrivu d-decizjoni tal-abbli Perit Legali fis-sens illi t-talba ghal telf ta’ profitt fuq il-kuntratt

kollu, interessi relattivi u kreditu fuq il-valur tal-kuntratt ma tistax tigi akkolta.

"(v) Rigward l-ispejjez inkorsi fil-konkluzjoni tal-kuntratt ta' bejgh jinghad preliminarjament illi ma saritx prova sufficjenti fis-sens illi dawn l-ispejjez kienu intizi esklusivament ghall-iskop tal-iffinalizzar tal-ftehim *de quo* si tratta l-vertenza odjerna. Madankollu, kif tajjeb irrelata l-abbli Perit Legali, huwa fatt li l-atturi sofrew xi forma ta' pregudizzju fir-rigward taz-zewg konsenji mizmuma mill-awtoritajiet koncernati. Issa dawn iz-zewg konsenji jammontaw ghal madwar ghaxra fil-mija (10%) tal-konsenji li kellhom jigu importati skond il-kuntratt bejn l-atturi u d-ditta mittenti. Premess illi l-kuntratt ma giex sfruttat interament minhabba nuqqas ta' l-istess atturi (ara l-argument a para (*i*) *supra*), il-Periti Addizzjonali jhossu illi d-danni taht dan il-kap jistghu jigu iffissati fl-ammont ta' Lm230.00,0, liema figura tirraprezenta ghaxra fil-mija (10%) tas-somma mitluba mill-atturi taht dan il-kap.

"(vi) Spejjez ta' *cold storage* u ta' *storage space*: Jigu ribaditi l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali (a fol 228 tal-process) fis-sens illi t-talba ghal dawn id-danni hija wahda gustifikata l-aktar minhabba li dan kien mehtieg biex jipprezerva, kemm jista jkun, il-merkanzija, u b'hekk biex possibilment jigu evitati spejjez ulterjuri. Konsegwentement jigu likwidati danni fl-ammont ta' Lm2,388.75,0 taht dan il-kap.

"(vii) Danni rizultanti minn prodott li baqa' ma nbighx minhabba li lahaq skada: Il-Perit Legali (a fol 229 tal-process) jirrelata illi wara acess li sar nhar il-21 ta' Jannar 1993, irrizulta li kien hemm 865 u ¼ kaxxi skaduti. Jinghad ukoll li l-metodu li permezz tieghu l-Perit Legali wasal ghall-prezz ta' Lm19.64,0 ghal kull kaxxa (a fol 230 tal-process) huwa sostanzjalment gust. Ghalhekk, skond il-kompitu tal-Perit Legali: 865.25 kaxxi x Lm19.64,0 = Lm16,993.51,0.

"Madankollu hu koncess ukoll, kif tajjeb issottomettew il-konvenuti, li l-fatt li d-ditta attrici ma gabitx il-prodott Malta f'*refridgerated containers*, nonostanti li dan suppost kellu

jinzamm kostantement f'temperatura ta' bejn l-4 u t-8 gradi centigradi, jaghti lok ghal dubju jekk il-konvenuti ghandhomx ikunu konsiderati unikament responsabbli ghat-telf rizultanti mill-merkanzija skaduta. Jinghad ukoll illi l-fatt li *x-shelf life* tal-prodott kien sal-31 ta' Awwissu 1992 u li l-prodott gie rilaxxjat nhar il-11 ta' Mejju 1992 jindika illi parti mill-prodott setghat ragjonevolment giet distribwita ghall-konsum f'dan il-perjodu b'mod illi l-atturi ma kienux isofru l-hsara kollha allegata minnhom.

"Il-possibilta` ta' negligenza kontributorja hija espressament kontemplata mil-ligi (ara artikolu 1051 tal-Kodici Civili - Kap. 16). Il-ligi tghid li jekk il-parti li tbati l-hsara tkun ikkontribwiet (b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb) ghall-hsara, il-qorti fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti ghandha tiddeciedi, fid-diskrezzjoni taghha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu kkontribwew ghal dik il-hsara jigi mnaqqas f'dik il-proporzjon. Premess dan kollu l-Periti Addizzjonali huma ta' l-opinjoni li r-responsabbilita' tal-partijiet u d-danni li qed tintalab il-likwidazzjoni taghhom taht dan il-kap ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Hu suggerit li r-responsabbilita` tinqasam kif isegwi: l-atturi - kwart; u l-konvenuti - tliet kwarti, dan ghaliex l-akbar oneru ta' responsabbilita' f'dan il-kontest jibqa' dak tal-konvenuti. *Ergo,* id-danni likwidati kontra l-konvenuti taht dan il-kap jammontaw ghal Lm12,745.00,0.

"(viii) It-talba ghal telf ta' kreditu moghti lill-atturi fuq iz-zewg konsenji ma tistax tintlaqa' u dan ghaliex il-konsenji, kif irrelata l-Perit Legali, fit-fatt thallsu xi xhur wara u ma saritx prova illi l-atturi gew mitluba jaghmlu tajjeb ghal xi telf f'dan is-sens.

"(ix) Telf ta' fiducja: Din it-talba hi maqsuma f'zewg branki:

"(a) Telf ta' buona fede minhabba l-fatt li r-relazzjoni tal-atturi mad-ditta estera Theo Bauwens nv giet imhassra peress illi l-pagament kellu jsir tard. Hawnhekk jinghad illi

ma jirrizultax li dan kien il-kaz mix-xhieda tat-titulari tad-ditta mittenti (a fol 447 tal-process). Jidher fil-fatt, kif irrelata l-Perit Legali (a fol 231 tal-process), li n-nuqqas ta' fiducja (ammess li wiehed jista' jsejhilha nuqqas ta' fiducja) 'giet rimedjata u sanata sussegwentement minghajr danni', anke ghaliex effettivament id-ditta Belgjana aktar tard regghet issuppliet lill-atturi.

"(b) Telf ta' bejgh u fiducja mal-grossisti u hwienet lokali minhabba li ma gewx moghtija l-*canned chopped ham* fil-hin, u telf ta' fiducja mal-pubbliku in generali: In linea di massima jistghu jigu sottoskritti l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali (a fol 232 tal-process) f'dan ir-rigward. Fil-fatt l-atturi stess iddikjaraw illi l-konsenji ta' wara dawk t-tnejn meritu tal-vertenza odjerna 'inbieghu regolarment u minn ha rega' ordna' (xhieda ta' Carmelo Dingli fis-seduta tat- 3 ta' Frar 1993, a fol 407 tal-process). Minn din l-ammissjoni, kif irrelata l-abbli Perit Legali, wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-pregudizzju allegatament soffert mill-atturi f'dan il-kontest kien wiehed negligibbli u ghalhekk, a bazi tal-masssima *de minimis non curat praetor,* il-Periti Addizzjonali jhossu illi m'ghandhomx jillikwidaw danni taht dan il-kap.

"Di piu` jinghad li fil-kontest ta' *lucrum cessans* it-telf ta' qligh futur irid jirrizulta minn 'inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali' (artikolu 1045, subinciz (1) tal-Kodici Civili - Kap. 16). Ma jidhirx (anke mix-xiehda tal-istess atturi) li t-telf allegat mill-atturi jista' jigi inkwadrat taht il-kappa ta' inkapacita' dejjiema, kif mitlub mill-ligi.

"Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti mill-atturi rigward id-danni, ezaminat il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel perit legali kif ukoll is-sottomissjonijiet li saru mill-atturi dwar il-pretensjonijiet taghhom, hi tal-fehma li m'hemmx lok ghal varjazzjoni tal-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali f'dan ir-rigward li qeghdin jigu akkolti interament."

**<u>Appelli</u>**

9. Minn din is-sentenza appellaw, kif inghad, kemm l-atturi in via principali kif ukoll il-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd u mid-Direttur ta' l-Agrikoltura in via incidentali.

**Appell Principali**

10. L-atturi appellaw biss mil-likwidazzjoni tad-danni minnhom sofferti kif kalkolati mill-ewwel Qorti. Huma jibbazaw l-appell taghhom fuq l-aggravju li d-danni likwidati mill-ewwel Qorti ma jirrispekkjawx id-danni verament sofferti minnhom b'dak li gara. Jikkontendu li r-risarciment moghti lilhom mill-ewwel Qorti bl-ebda mod ma jirrispetta l-principju li *l-ghoti tad-danni ghandhom il-funzjoni li jpoggu lill-attur fl-istess posizzjoni qabel ma gara l-event dannuz*[2]*.* Bir-rikors ta' l-appell taghhom l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2005 billi tikkonfermaha in kwantu rriteniet lill-konvenuti responsabbli tad-danni kawzati lilhom u tirrevokaha fil-kumplament u b'hekk tiddeciedi billi tillikwida d-danni sofferti minnhom f'ammont oghla ghal dak già likwidat mill-ewwel Qorti, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni kif mill-gdid likwidati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.

**Appell Incidentali**

11. Il-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd u mid-Direttur ta' l-Agrikoltura (iktar 'l quddiem f'din is-sentenza indikati bhala l-konvenuti) appellaw mill-kapi kollha tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2005 hlief mill-kap permezz ta' liema d-Direttur tal-Kummerc gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju. L-aggravji fuq liema l-konvenuti jibbazaw l-appell incidentali taghhom huma bazikament dawn: (a) l-inapplikabilità ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kaz in ezami; (b) li s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2005 hija *extra petita*; (c) li fl-istharrig li ghamlet l-Ewwel Qorti tad-decizjoni amministrattiva in kwistjoni donnha tat wiehed x'jifhem li l-Qorti ghandha diskrezzjoni aktar wiesgha milli

---

[2] Fol. 4 tal-process ta' l-Appell.

fil-fatt ghandha biex tindaga dwar dawn l-atti; (d) li l-applikazzjoni ghal licenzja ta' importazzjoni tohloq obbligu ta' *full disclosure* fuq l-applikant u mhux obbligu fuq l-awtorità pubblika li tipprova teskludi *a priori* dak kollu li hija tahseb illi ma jaqax taht xi tariffa; (e) illi l-Kontrollur tad-Dwana kellu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju flimkien mad-Direttur tal-Kummerc; (f) li l-konkluzjoni tal-Perit Tekniku l-Professur Victor Ferrito dwar in-natura tal-merkanzija importata mill-atturi ghandha tigi skartata; u (g) li l-atturi ma ghamlu xejn biex jimminimizzaw id-danni u b'hekk tissahhah il-prova li *l-prodott ma kienx wiehed tajjeb li jista' jimxi fis-suq u li dawn il-proceduri huma fin-natura ta' avventura immirata biex l-atturi jippruvaw jigu indennizzati ghall-izbalji u traskuragni taghhom mill-erarju pubbliku*[3]. Bl-appell incidentali taghhom il-konvenuti jitolbu lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell ta' l-atturi u minflok tilqa' l-appell incidentali taghhom b'dana li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu illiberat lid-Direttur tal-Kummerc mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li thassarha u tirrevokaha fil-kumplament taghha u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Jibda biex jinghad illi mill-mod kif inhuma impostati l-appelli tal-partijiet kontendenti jidher car li d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti li tillibera lid-Direttur tal-Kummerc mill-osservanza tal-gudizzju ma hijiex qed tigi kkontestata la mill-atturi u s'intendi lanqas mill-konvenuti. Il-konvenuti kjarament jitolbu l-konferma ta' dan il-kap partikolari tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2005[4] u l-atturi *ex admissis* jillimitaw l-appell taghhom ghad-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tad-danni favur taghhom[5]. Ghaldaqstant, il-kap ta' l-imsemmija sentenza li permezz tieghu d-Direttur tal-Kummerc gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghadda in gudikat, u llum jifforma stat bejn il-partijiet kontendenti.

---

[3] Fol. 19 tal-process ta' l-Appell.
[4] Fol. 10 u 20 tal-process ta' l-Appell.
[5] Fol. 4 tal-process ta' l-Appell.

13. Stabbilit dan il-punt din il-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta l-appelli tal-partijiet kontendenti mis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2005 u ser tibda biex tittratta l-ewwel l-appell principali ta' l-atturi. Kif già inghad l-appell ta' l-atturi mis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2005 jittratta dwar il-likwidazzjoni tad-danni favur taghhom kif maghmula mill-ewwel Qorti u l-istess atturi jressqu diversi ilmenti fejn ma jaqblux mal-mod kif dik il-Qorti illikwidat id-danni favur taghhom. L-ewwel ilment ta' l-atturi huwa dwar in-nuqqas totali ta' ghoti ta' imghax a favur taghhom. Huma jikkontendu li *l-imghax fuq il-valur tal-merkanzija huwa telf li verament garrab l-appellant li kien negozjant u gie privat ghal zmien twil minn flusu. Huwa, bir-rispett kollu, inekwu w ingust li f'kawza li damet l-fuq minn tlettax-il sena minghajr ebda tort jew htija ta' l-attur, l-attur ma jinghata l-ebda kumpens kwalsiasi ghaz-zmien li ghadda fuq il-pretensjoni originali tieghu*[6]*.* L-atturi ghalhekk jippretendu li: (i) fil-likwidazzjoni tad-danni ghandu jigi komputat it-telf ta' imghax mid-data ta' l-importazzjoni tal-merkanzija sad-data tar-rilaxx taghha mid-dwana fuq il-valur intier ta' l-istess merkanzija; u li (ii) ghandu jinghata imghax mid-data tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv fuq id-danni kollha li jigu likwidati.

14. Dwar il-pretensjoni ta' l-atturi ghall-hlas ta' imghax fuq il-valur intier tal-merkanzija kalkolat mid-data ta' l-importazzjoni sad-data tar-rilaxx bhala parti mid-*damnum emergens,* l-ewwel Qorti ikkunsidrat u kkonkludiet illi *jidher li l-imghax kummercjali fuq iz-zewg konsenji li ma thallsux billi ma kienux gew rilaxxjati m'ghandux jigi rizarcit. Dan partikolarment in vista tal-fatt illi sa illum dan l-imghax ghadu ma thallasx mill-atturi u ghalhekk huma ma jistghux jargumentaw illi sofrew danni permezz tal-hlas tieghu. Jibqa' però impregudikat id-dritt ta' l-atturi si et quatenus illi jitolbu dan il-hlas f'kaz illi effettivament huma jhallsu l-istess lid-ditta mittenti*[7]. Dwar l-imghax dekorribbli fuq is-somma ta' Lm15,363.75 (illum ekwivalenti ghal €35,787.91) likwidata favur l-atturi in linea ta' danni l-ewwel Qorti baqghet ghal kollox siekta billi d-decizjoni

[6] Fol. 4 tal-process ta' l-Appell.
[7] Fol. 649 tal-process tal-Prim Istanza.

taghha kienet fis-sens li ikkundannat lill-konvenuti jhallsu dan l-ammont lill-atturi, flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza.
15. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-pretensjonijiet ta' l-atturi kif minnhom dedotti fir-rikors ta' l-appell ma jistghux jigu milqugha billi l-istess imorru kontra l-principji guridici applikabbli in materia. Madanakollu l-Qorti minn issa taghmilha cara li ghar-ragunijiet li ser jinghataw iktar 'il quddiem f'din is-sentenza, l-atturi ghandhom jigu akkordati l-imghax legali fuq is-somma likwidata in linea ta' danni favur taghhom mid-data tas-sentenza appellata sad-data ta' l-effettiv pagament.

16. Fir-rigward tal-pretensjoni ta' l-atturi ghall-imghax fuq il-valur tal-konsenji dekorribbli mid-data ta' l-importazzjoni sad-data tar-rilaxx, jigi osservat illi waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 1992 mizmuma quddiem il-Perit Legali l-Avukat Dottor Dominic Cassar, l-attur Carmelo Dingli xehed illi *peress li jien ma kellix ir-release mid-Dwana, il-Bank Centrali ma setax johrog hlas ta' l-istess merce lill-esportatur u dan ukoll qed jirreklama ghalhekk l-interessi kummercjali*[8]; izda, waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 1994 Hugo Bauwens mid-ditta estera Theo Bauwens N.V. xehed illi *I can confirm that because of the good relationship between our company and plaintiffs, our confindence in them and also because of pending lawsuit instituted by the plaintiffs against the Authorities we have been patient and have not as yet instituted judicial proceedings*[9]. Din il-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl tal-provi prodotti l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonstatat li l-imghax allegatament imhallas mill-atturi lis-socjetà estera Theo Bauwens N.V. in verità ma rrizultax li thallas minnhom. Ikkunsidrat tali fatt fid-dawl tal-principji guridici li *il risarcimento, di solito, si opera 'per equivalente' vale a dire attribuendo alla vittima una somma di denaro commisurata alla entità del pregudizio cui si intende porre riparo*[10] u li *il risarcimento tende a rimettere il patrimonio del soggetto nella stessa situazione in cui si sarebbe*

---

[8] Fol. 387 u 388 tal-process tal-Prim Istanza.
[9] Fol. 447 tal-process tal-Prim Istanza.
[10] Vide **Av. Dr. Louis Cassar Pullicino noe v. Albert Xuereb noe et, Appell Civili Nru. 1264/91** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Frar 2009; **Manuale di Diritto Privato** – Andrea Torrente Para. 431 pagna 432.

*trovato, se non fosse intervenuto l'atto illecito (restitutio in integrum, o per equivalente)*[11], l-ewwel Qorti gustament ikkonkludiet li l-atturi ma ghandhomx dritt jippretendu hlas ta' dannu, konsistenti fl-imghax fuq il-valur taz-zewg konsenji ta' merkanzija in kwistjoni kalkolat mid-data ta' l-importazzjoni sad-data tar-rilaxx, li ma giex minnhom effettivament soffert; salv naturalment id-dritt taghhom *si et quatenus* li jitolbu tali hlas f'kaz illi effettivament jhallsu l-istess lid-ditta estera Theo Bauwens N.V.

17. Fir-rigward tal-pretensjoni ulterjuri ta' l-atturi ghall-imghax fuq il-valur intier tad-danni likwidati mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data ta' l-effettiv pagament, issir referenza ghall-principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li *d-danni dovuti in forma ta' imghaxijiet huma hekk dovuti minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni li "jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata" (art. 1139) u huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana li "in liquidandis non fit mora" u cioè li meta kreditu ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hekk ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament*[12]. Ma hemm ebda dubju li l-kaz in ezami ma jikkoncernax il-hlas ta' somma determinata izda, piuttost somma li kellha tigi likwidata b'sentenza tal-Qorti. Barra minnhekk is-somma finalment likwidata ma setghetx tigi facilment stabbilita fil-mument tal-prezentata ta' l-att ta' citazzjoni billi l-pretensjoni ta' l-atturi kienet tirrigwarda telf ta' qligh u telf iehor minnhom allegatament soffert kif ukoll hlas ta' danni u penalitajiet minnhom allegatament inkorsi, li setghu jigu ppruvati u konsegwentement stabbiliti biss bi provi prodotti waqt is-smigh tal-proceduri. Ghalhekk f'dan il-kaz ma jissussistux cirkostanzi tali li ghandhom iwasslu lil din il-Qorti biex tiddipartixxi mill-principju generalment accettat li *in liquidandis non fit mora*.

18. L-atturi inoltre jilmentaw mill-fatt li l-proceduri odjerni damu ghaddejjin ben tlettax-il sena minghajr ebda tort jew htija taghhom u jikkontendu li ma huwiex ekwu u gust li

---

[11] *Ibid;* **Istituzioni di Diritto Civili –** Alberto Trabucchi.
[12] Vide **Renato Ellul v. Emmanuel Delicata noe et, Appell Civili Nru. 73/83**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 2003.

ma jinghataw ebda kumpens ghaz-zmien li ghadda fuq il-pretensjoni originali taghhom. Din il-Qorti tosserva li d-dewmien fid-determinazzjoni tal-proceduri in Prim Istanza huwa attribwibbli mhux ghal dewmien kawzat mill-konvenuti izda ghall-komplessità tal-materja li kienet qed tigi diskussa tant illi, l-atti processwali huma mizghuda b'diversi noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti fejn ressqu diversi punti guridici li kienu jimmeritaw analizi profonda u dettaljata. Ghalhekk, ladarba l-konvenuti ma jahtux ghall-fatt li l-proceduri hadu t-tul ta' zmien li hadu biex gew determinati in Prim Istanza, din il-Qorti hi tal-fehma li lanqas f'dan ir-rigward ma ghandha tiddipartixxi mill-principju generali li *in liquidandis non fit mora*.

19. Madanakollu, din il-Qorti hi tal-fehma li ma huwiex gust li l-atturi ma jigu akkordati ebda forma ta' imghax legali fuq is-somma likwidata in linea ta' danni a favur taghhom, kif invece ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fil-mument li l-ewwel Qorti sabet responsabilità fil-konvenuti ghad-danni sofferti mill-atturi u konsegwentement ikkundannathom ihallsu lill-istess atturi s-somma minnha likwidata in linea ta' danni, inholqot fil-konvenuti obbligazzjoni ta' hlas ta' somma determinata u d-dewmien fl-esekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni jaghti lok ghall-hlas ta' danni ulterjuri lill-atturi konsistenti fl-imghax legali dekorribbli fuq is-somma likwidata in linea ta' danni favur taghhom mid-data tas-sentenza appellata sad-data ta' l-effettiv pagament. Dana l-principju jibqa' applikabbli anke fin-nuqqas ta' talba specifika da parte ta' l-atturi f'dan is-sens.

20. It-tieni ilment ta' l-atturi jirrigwarda t-tnaqqis li ghamlet l-ewwel Qorti fil-kuntest tad-danni rizultanti minn prodott li baqa' ma inbieghx minhabba li lahaq skada. Bhala fatt irrizulta li sad-data tar-rilaxx miz-zewg konsenji in kwistjoni kien hemm 865 u ¼ kaxxi skaduti li ma setghux jinbieghu u l-valur totali ta' dawn il-kaxxi gie stabbilit fl-ammont ta' Lm16,993.51. Izda, l-ewwel Qorti addebitat parti mit-tort ghall-fatt li dan l-ammont ta' kaxxi skada qabel l-*expiry date* tal-prodott lill-atturi billi fil-fehma taghha dana gara ghaliex ma gabux il-prodott in kwistjoni f'*refrigerated containers* nonstante l-fatt li dan kellu

jinzamm kostantement f'temperatura ta' bejn l-4 u t-8 gradi centigradi. Fid-dawl tan-negligenza kontributorja taghhom l-ewwel Qorti sabet lill-atturi responsabbli fi grad ta' kwart ghad-danni minnhom subiti minhabba l-fatt li li dan in-numru ta' kaxxi lahqu skadew qabel l-*expiry date* effettiva tal-prodott, u mill-ammont ta' Lm16,993.51 akkordat favur l-atturi biss l-ammont ta' Lm12,745 [ekwivalenti ghal €29,687.86]. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti biex waslet ghall-figura ta' Lm12,745 bhala d-danni dovuti mill-konvenuti lill-atturi ghall-fatt li 865 u ¼ kaxxi lahqu skadew qabel l-*expirty date* tal-prodott, tirrizulta zbaljata l-osservazzjoni ta' l-atturi li l-ewwel Qorti rriduciet l-ammont ta' kaxxi li sfaw skaduti minn 865 u ¼ kaxxi ghal 649 kaxxi; dana l-ewwel Qorti evidentement ma ghamlitux. Mill-kumpless tal-provi prodotti rrizulta li l-prodott in kwistjoni, jekk konservat f'temperatura ta' 4 gradi centigrade, kellu *shelf life* ta' disa' xhur li kienu jiskadu fil-31 ta' Awissu 1992[13]. Madanakollu meta gew rilaxxjati z-zewg konsenji ta' merkanzija f'Mejju ta' l-1992, jigifieri qabel l-*expiry date* tal-prodott, irrizulta li ammont sostanzjali mill-kaxxi in kwistjoni kien skadut u dana minkejja li kienu konservati fil-*cold stores* ta' l-atturi bejn id-data ta' l-importazzjoni u d-data tar-rilaxx. Dana l-fatt iwassal lil din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ghall-konkluzjoni li l-konvenuti ma humiex unikament responsabbli ghall-fatt li 865 u ¼ kaxxi sfaw skaduti qabel l-*expiry date* tal-prodott, izda kien hemm element ta' kontributorjetà da parti ta' l-atturi, necessarjament konsistenti fil-fatt li l-merkanzija in kwistjoni ma gietx trasportata f'*refrigerated containers* kif kien invece rikjest illi jsir biex l-istess jibqa' tajjeb sa' l-*expiry date* indikata fuqu. Din il-Qorti ghalhekk ma ssib ebda raguni ghala ghandha tvarja l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti fejn fid-dawl tan-negligenza kontributorja ta' l-atturi llikwidat id-danni dovuti lilhom fis-somma ta' Lm12,745 [ekwivalenti ghal €29,687.86].

21. It-tielet ilment ta' l-atturi jirrigwarda d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-pretensjoni taghhom ghall-hlas ta'

---

[13] Fol. 19 tal-process tal-Prim Istanza.

danni minhabba telf ta' negozju u telf fil-bejgh. Fir-rigward tat-telf ta' negozju u telf fil-bejgh allegatament soffert mill-atturi, l-ewwel Qorti kkunsidrat illi *din it-talba hi maqsuma f'zewg branki: (a) telf ta' buona fede minhabba l-fatt li r-relazzjoni tal-atturi mad-ditta estera Theo Bauwens nv giet imhassra peress illi l-pagament kellu jsir tard. Hawnhekk jinghad illi ma jirrizultax li dan kien il-kaz mix-xiehda tat-titulari tad-ditta mittenti (a fol. 447 tal-process). Jidher fil-fatt, kif irrelata l-Perit Legali (a fol. 231 tal-process), li n-nuqqas ta' fiducja (ammess li wiehed jista' jsejhilha nuqqas ta' fiducja) 'giet rimedjata u sanata sussegwentement minghajr danni', anke ghaliex effettivament id-ditta Belgjana aktar tard regghet issuppliet lill-atturi; (b) telf ta' bejgh u fiducja mal-grossisti u hwienet lokali minhabba li ma gewx moghtija l-canned chopped ham fil-hin, u telf ta' fiducja mal-pubbliku in generali: In linea di massima jistghu jigu sottoskritti l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali (a fol. 232 tal-process) f'dan ir-rigward. Fil-fatt l-atturi stess iddikjaraw illi l-konsenji ta' wara dawk it-tnejn meritu tal-vertenza odjerna "inbieghu regolarment u min ha rega' ordna" (xhieda ta' Carmelo Dingli fis-seduta tat-3 ta' Frar 1993, a fol. 407 tal-process). Minn din l-ammissjoni, kif irrelata l-abbli Perit Legali, wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-pregudizzju allegatament soffert mill-atturi f'dan il-kontest kien wiehed negligibbli u ghalhekk, a bazi tal-massima de minimis non curat praetor, il-Periti Addizzjonali jhossu illi m'ghandhomx jillikwidaw danni taht dan il-kap. Di più jinghad li fil-kontest ta' lucrum cessans it-telf ta' qligh futur irid jirrizulta minn 'inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali' (artikolu 1045, subinciz (1) tal-Kodici Civili – Kap.16). Ma jidhirx (anke mix-xiehda tal-istess atturi) li t-telf allegat mill-atturi jista' jigi inkwadrat taht il-kappa ta' inkapacità dejjiema, kif mitlub mll-ligi* [14].

22. Minn dan is-silta tas-sentenza appellata jirrizulta b'mod car li, kontra dak pretiz mill-atturi fir-rikors ta' l-appell taghhom, l-ewwel Qorti ma bbazatx id-decizjoni finali taghha dwar din il-pretensjoni partikolari ta' l-atturi fuq il-konsiderazzjoni li d-danni minnhom pretizi ma kienux reali imma biss ipotetici. L-ewwel Qorti waslet

[14] Fol. 651 tal-process tal-Prim Istanza.

ghad-decizjoni taghha in bazi ghall-konsiderazzjoni li l-atturi ma irnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfacenti l-allegat telf ta' negozju u telf ta' bejgh u dana wara li ghamlet evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiemha u tal-konklzzjonijiet kemm tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Dominic Cassar, kif ukoll tal-periti addizzjonali. B'dan it-tielet ilment taghhom l-atturi fil-verità qed jitolbu lil din il-Qorti biex terga' tikkonsidra mill-gdid l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u li tiskarta l-konkluzjonijiet peritali dwar din il-pretensjoni partikolari ta' l-atturi. Din il-Qorti, però, hi tal-fehma li m'ghandix takkolji dan l-ilment ta' l-atturi u dana in bazi ghal zewg regoli li jemergu mill-gurisprudenza: (a) illi l-Qorti ta' l-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, *ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi*[15] u *f'materji ta' rilevanza jew superfluwità ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament ta' l-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi*[16]*;* u (b) li *f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha li tissosstitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux*[17]*.*

23. Fil-kaz in ezami l-Qorti ma ssib ebda raguni gravi li twassalha biex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u tal-Periti Perizjuri fir-rigward tal-pretensjoni ta' l-atturi ghall-hlas ta' danni minhabba telf ta' negozju u telf ta' bejgh, u biex tindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li kemm il-Perit Legali u l-Periti Perizjuri kif ukoll l-ewwel Qorti wasslu ghall-konkluzjonijiet taghhom principalment in bazi ghal dak li rrizulta mill-provi prodotti mill-atturi stess.

24. Dwar il-pretensjoni ta' l-atturi li *kellhom licenzja valida ghall-importazzjoni tal-merkanzija u bl-agir tal-*

---

[15] **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe, Appell Civili Nru. 798/2000** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu 2003.
[16] **Hilda Debrincat v. Mario Farrugia et, Appell Civili – Ghawdex Nru. 5/2001** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Lulju 2004.
[17] **Perit Arkitett u Inginier Civili Frank Giordmaina Medici noe v. Pio Camilleri, Citaz. Nru. 840/93TM** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.

*konvenuti gew privati mill-possibilità li juzufruwixxu minn dik il-licenzja u jaghmlu l-importazzjoni li kienu ikkontrattaw ghaliha*[18], din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward ossia li, *minn dak li jirrizulta mix-xiehda, il-prodott kien jigi preparat skond l-ispecfications mitluba mill-istess atturi (vide xhieda tat-titulari tad-ditta mittenti moghtija fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1994, a fol. 447 tal-process). Konsegwentement huwa evidenti illi kien fil-mansjoni ta' l-atturi, wara li gew mizmuma l-ewwel zewg konsenji tal-prodott, li jaghtu struzzjonijiet godda lis-supplituri taghhom fil-Belgju rigward l-ispecifications tal-prodott in kwistjoni sabiex dawn jippreparaw il-prodott taghhom in konformità mal-kondizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet kompetenti; b'hekk illi l-kwantità tal-prodott li, kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, l-atturi kellhom jixtru minghand is-supplituri Belgjani setghet tigi importata minghajr biza' li jinzamm ir-rilaxx taghha malli tasal Malta. B'dan il-mod, kif tajjeb irrelata l-abbli Perit Legali, il-kuntratt ma kienx jinkiser u l-ebda penali ma kienet tkun imponibbli. Ghalhekk huwa ovvju illi f'dan il-kontest ma jissussistix in-ness bejn ir-responsabilità delittwali tal-konvenuti u t-talba ta' l-atturi – fi kliem iehor il-hsara sofferta mill-atturi ma kienitx rizultat dirett ta' l-agir delittwali tal-konvenuti*[19].

25. Huwa evidenti li anke f'dan il-kaz l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha in bazi ghall-evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiemha, in partikolari tal-provi prodotti mill-istess atturi, u hawn ukoll din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida li ghandha twassalha biex tiddisturba l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza. Din il-konsiderazzjoni tapplika wkoll ghar-raba' ilment sollevat mill-atturi illi jittratta dwar id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tad-danni konsistenti fil-*cold storage* tal-merkanzija meritu tal-kontestazzjoni. Fir-rikors ta' l-appell taghhom l-atturi jilmentaw illi *l-likwidazzjoni tad-danni kawzati lilhom konsistenti fil-cold storage tal-istess merkanzija kien wiehed baxx izjed* [recte: izzejjed] *u ma kienx jirrifletti r-rati kurrenti tal-cold storage ta' merkanzija*

[18] Fol. 5 tal-process ta' l-Appell.
[19] Fol. 648 tal-process tal-Prim Istanza.

*simili fuq is-suq malti*[20]. Dwar dan il-punt l-ewwel Qorti kkunsidrat u kkonkludiet illi *jigu ribaditi l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali (a fol. 228 tal-process) fis-sens illi t-talba ghal dawn id-danni hija wahda gustifikata l-aktar minhabba li dan kien mehtieg biex jipprezerva, kemm jista' jkun, il-merkanzija, u b'hekk biex possibilment jigu evitati spejjez ulterjuri. Konsegwentement jigu likwidati danni fl-ammont ta' Lm2,388.75*[21]*.* Il-Perit Legali l-Avukat Dottor Dominic Cassar wasal ghal din il-konkluzjoni, abbraccjata wkoll mill-Periti Addizzjonali, in bazi ghall-konsiderazzjoni li *l-likwidazzjoni ghandha ssir però a bazi ta' 5.25 xhur u mhux 6 xhur kif mitlub. Di più l-esponent wasal ghall-konklzzjoni li giet imagazzinata madwar ghaxra fil-mija tal-kuntratt kollu li kellu jkun madwar "325 metric Tonnes" (artikolu 2 tal-kuntratt a fol. 7 tal-process) ergo 32.5 metric tonnes u mhux 43.22 kif reklamat. Issa l-atturi ippretendew ir-rata ta' Lm25 fix-xahar però id-dokument CD7 esebit minnhom stess jirrizulta li s-socjetà "five effs Cold Stores Limited" f'Settembru 1992 qed tikkwota Lm14 fix-xahar u l-esponent ihoss fic-cirkostanzi li l-ahhar figura ta' Lm14 hija diga` piuttost generuza u ghalhekk ma jhossx li ghandu jziedha. Ergo L14 * 5.25 xhur * 32.5 m.t. ittuk: Lm2388.75*[22]. Hawn ukoll huwa evidenti li din il-konkluzjoni hija bbazata fuq dak li rrizulta mill-provi prodotti mill-atturi stess, u ghalhekk ma hemm ebda raguni, wisq inqas wahda gravi, li ghandha twassal lil din il-Qorti biex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u tal-Periti Addizzjonali u biex tindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

26. B'hekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hlief ghall-kwistjoni ta' l-imghax legali dekorribbli fuq is-somma likwidata in linea ta' danni favur l-atturi li, fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jkun konteggjat mid-data tas-sentenza tal-Prim Istanza sad-data ta' l-effettiv pagament, l-appell principali ta' l-atturi qed jigi michud.

27. Nigu issa ghall-appell incidentali tal-konvenuti. Fl-ewwel aggravju ta' l-appell taghhom il-konvenuti jittrattaw il-kwistjoni dwar l-applikabilità o meno ta' l-**Artikolu**

[20] Fol. 5 tal-process ta' l-Appell.
[21] Fol. 649 tal-process tal-Prim Istanza.
[22] Fol. 228 tal-process tal-Prim Istanza.

**469(A)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kaz in ezami. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-imsemmi artikolu tal-ligi, li dahal fis-sehh fil-mori tal-proceduri senjatament fl-1 ta' Ottubru 1995, huwa applikabbli ghall-kaz in ezami minflok l-**Artikolu 742(2)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li kien applikabbli fiz-zmien meta giet intavolata l-azzjoni odjerna. L-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni in bazi ghall-konsiderazzjoni li *d-disposizzjonijiet tal-ligi principali, kif emendati bl-istess Att, japplikaw fil-konfront tal-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li ghalihom jghoddu dawk il-ligijiet u li f'dik id-data jkunu ghadhom pendenti u ma ghaddewx in gudikat*. *Huwa wkoll pacifiku fid-dottrina li ligijiet procedurali ghandhom effett immedjat anke fir-rigward ta' kazijiet già ezistenti qabel id-dhul fis-sehh tal-ligi u li jkunu ghadhom pendenti mad-dhul fis-sehh tal-Ligi*[23]*.* Il-konvenuti jattakkaw dan ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti in bazi ghall-kontestazzjoni li *l-artiklu 201 kif riprodott fl-artiklu 469A tal-Kap.12 fil-fatt mhux wiehed ta' natura procedurali (u cioè li jirregola l-andament tal-proceduri, s-smiegh tal-provi, il-mezzi tal-prova, ecc) izda huwa wiehed ta' natura ta' ligi sostantiva billi jeradika* [recte: jirradika] *l-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tiehu konjizzjoni ta' kawzi biex jimpunjaw atti amministrattivi. L-artiklu jittratta dwar meta l-Qorti ghandha tindaga dwar ghemil amministrattiv u jsemmi kif ghandu jkun dan l-ghemil biex ikun jista' jigi ndagat mill-Qorti. L-artiklu jaghti wkoll definizzjoni ta' x'inhu ghemil amministrattiv u ghalhekk jidhol fis-sustanza. Is-subartikoli (3) u (5) jitkellmu dwar l-azzjoni nnifisha kif ikun impunjat att amministrattiv, imma dawn ma jissussistux jekk l-ewwel, l-ghemil in kwistjoni ma jaqax taht is-subartiklu (1). Ghalhekk qabel wiehed japplika s-subartiklu procedurali wiehed irid bilfors jidhol fil-mertu tal-haga u jara japplikax jew le l-artiklu 469A. Ghalhekk dan certament mhux artiklu ta' natura procedurali*[24]*.*

28. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda biex tosserva li l-punt hemm trattat qatt ma gie sollevat u trattat mill-konvenuti quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza; gie sollevat l-

[23] Fol. 640 tal-process tal-Prim Istanza.
[24] Fol. 10 u 11 tal-process ta' l-Appell.

ewwel darba fl-appell incidentali taghhom mis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2005. Ghalkemm fin-nota responsiva pprezentata quddiem l-ewwel Qorti fl-14 ta' Awissu 1998[25] il-konvenuti accennaw ghall-ipotesi li ligi li tiddelineja l-gurisdizzjoni tal-Qorti mhijiex wahda purament ta' natura procedurali, din l-istess ipotesi ma gietx minnhom elaborata u zgur ma gietx trattata s-sottomissjoni issa minnhom sollevata li l-**Artikolu 469(A)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa provvediment ta' ligi sostantiva u mhux ta' ligi procedurali. Issa, huwa principju assodat fis-sistema guridika taghna li *mhux lecitu li* [il-parti konvenuta] *tqajjem materji ta' din ix-xorta quddiem il-Qorti ta' revizjoni kemm ghax dan ikun jissorprendi lill-kontro-parti u jipprivaha mid-dritt tad-doppio ezami kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati ikun ovvjament digà sewwa maghruf lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti*[26]. Madanakollu u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tosserva wkoll li dan l-aggravju tal-konvenuti ma hux guridikament sostenibbli ghaliex kontra dak minnhom affermat l-**Artikolu 469(A)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hu provvediment ta' ligi procedurali u hekk kif dahal fis-sehh l-Att XXIV ta' l-1995 fl-1 ta' Ottubru 1995, jigifieri fil-mori tal-proceduri odjerni, il-provvedimenti tal-ligi hemm enuncjati saru applikabbli ghall-kaz in ezami minflok l-**Artikolu 742(2)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-**Artikolu 469(A)** tal-Kap.12 jipprovdi lic-cittadin mezz ta' kif jista' jattakka jew jimpunja atti maghmula mill-amministrazzjoni u jipprovdi wkoll ir-ragunijiet li fuqhom tali azzjoni tkun tista' tigi bazata[27]. Ghalhekk certament ma jistax jinghad li l-provvedimenti tal-ligi hemm enuncjati huma ta' natura sostantiva u mhux ta' natura procedurali. Il-fatt li l-Qrati taghna dejjem ikkunsidraw l-imsemmi artikolu tal-ligi bhala wiehed ta' natura procedurali u mhux sostantiva johrog

[25] Fol. 499 sa' 508 tal-process tal-Prim Istanza.
[26] **Malcolm Cachia noe v. Joseph Apps noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju 1997; **Carmel Tabone et v. David Tabone et, Appell Civili Nru. 356/96** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Jannar 2003; **Raymond Borg et v. Hal Mann Limited, Appell Civili Nru. 34/99**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta'Ottubru 2003.
[27] **Kunsill Lokali Birzebbuga v. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et, Citaz. Nru. 160/03TM** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2004.

ferm car mis-sentenza fl-ismijiet **Roberto Zamboni noe v. Id-Direttur tal-Kuntratti et,** Citaz. Nru. 928/96 deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2002. F'dik is-sentenza, b'referenza ghall-effetti ta' l-imsemmi artikolu tal-ligi, gie ribadit il-principju guridiku li *hija norma li fejn si tratta ta' regoli jew ligijiet procedurali li, sakemm l-istess ligi ma tkunx tghid mod iehor jew ma tipprovdix x'ghandu jigri fil-fazi tranzitorja, l-istess regoli jew ligijiet jigu fis-sehh u jitqiesu li huma applikabbli minnufih … it may be said that it is ius receptum that laws of a purely procedural nature apply immediately to all cases including those relating to transactions before the enactment of the law* [Noti tal-Prolegomena, Università ta' Malta, pagna 49].

29. Ghalkemm fin-nota ta' referenzi taghhom ipprezentata quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Lulju 2007 il-konvenuti jaghmlu referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Charles sive Carmelo Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Settembru 2004 u **Charles sive Carmelo Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 2005 biex *inter alia* jissostanzjaw l-argument taghhom li l-aritkolu tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami huwa l-**Artikolu 742(2)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-**Artikolu 469(A)** ta' l-istess Kapitolu tal-Ligi, din il-Qorti hi tal-fehma li dawn is-sentenzi huma ghal kollox irrilevanti f'dan il-kuntest partikolari u ghad-determinazzjoni ta' l-applikabilità o meno ta' l-Artikolu 469(A) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kaz in ezami, ghaliex l-istess imsemmija sentenzi ma jittrattawx il-kwistjoni dwar jekk l-imsemmi artikolu tal-ligi huwiex ta' natura procedurali jew ta' natura sostantiva.

30. Fit-tieni aggravju taghhom il-konvenuti jikkontendu li s-sentenza appellata hija *extra petita* ghaliex filwaqt li l-atturi talbu d-dikjarazzjoni ta' responsabilità tal-konvenuti kollha ghall-hlas tad-danni minhabba l-**agir abbuziv taghhom**, l-ewwel Qorti sabet lill-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd u lid-Direttur ta' l-Agrikoltura responabbli ghad-danni ghaliex agixxew b'**mod mhux ragjonevoli**. Fil-verità b'dan l-aggravju l-konvenuti qed jippruvaw jissostanzjaw

ulterjorment il-pretensjoni taghhom li l-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami huma dawk enuncjati fl-**Artikolu 742(2)** tal-Kap.12 u mhux l-**Artikolu 469(A)**. Din il-Qorti già esprimiet ruhha f'dan ir-rigward u tibqa' ferma fil-konvinzjoni taghha li l-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami huma dawk enuncjati fl-**Artikolu 469(A)** tal-Kap.12 u mhux ta' l-**Artikolu 742(2)**, kif invece pretiz mill-konvenuti.

31. Fir-rigward tal-kritika *per se* li s-sentenza appellata hija *extra petita*, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-konvenuti u hija tal-fehma li fic-cirkostanzi applikabbli ghall-kaz in ezami l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni fattwalment u guridikament korretta. Ghalkemm huwa principju stabbilit li *fl-ghoti ta' sentenza l-imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (Kollez. Vol. XLIX P 1 p 406). Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u t-talba kif migjuba fic-citazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV P I p 85). Is-sentenza ghalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (Kollez. Vol. XLVIII P II p 77),* huwa daqstant iehor principju assodat illi *l-legislazzjoni u l-gurisprudenza taghna ilhom progressivament jirrifuggu mill-formalizmu eccessiv, fonti ta' litigi zejda u prokrastinazzjoni inutili, specjalment fejn ma tkunx tirrizulta l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi ... l-Qorti ma kellhiex tmur ghall-eccess tal-formalizu ezagerat bazata fuq is-sens letterali tal-kelma espressa b'mod li jigi eskluz l-ispirtu tal-ligi jew kull ezercizzju legittimu ta' analogija anki per equipollens – ezercizzju dan illi hu rikonoxxut mill-gurisprudenza u li hu kultant mehtieg biex jaghti sinjifikat korrett lill-azzjoni kif proposta, jiffavorixxi l-ekonomija tal-gudizzju*[28].

32. Stabbilit illi fiz-zmien ta' l-ghoti tad-decizjoni mill-ewwel Qorti, u del resto anke llum, il-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami huma dawk enuncjati fl-

[28] **Grobett Holdings Limited v. Steve Abela et noe, Appell Civili Nru.1924/02** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005.

**Artikolu 469(A)** tal-Kap. 12, l-ewwel Qorti u din il-Qorti bhala, huma necessarjament obbligati li jikkunsidraw l-azzjoni attrici, li tinkludi talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilità ghad-danni u konsegwenti kundanna ghall-hlas, fid-dawl ta' dak provdut fl-istess imsemmi artikolu tal-ligi. L-**Artikolu 469(A)(5)** jipprovdi li *f'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbilità allegata ta' l-awtorità pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv.* ***Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra***[29]*.* Mit-test tal-ligi stess johrog ferm car li mid-dhul fis-sehh ta' l-imsemmi artikolu tal-ligi 'l quddiem, meta f'azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' att amministrattiv il-Qorti tkun iffaccjata wkoll b'talba ghall-hlas ta' danni, biex tkun tista' tiddetermina tali talba necessarjament tkun trid tinvestiga l-kwistjoni jekk l-awtorità pubblika in kwistjoni agixxietx in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli. Ghalhekk, l-ewwel Qorti gustament dahlet fi, u investigat, il-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti fil-kaz in kwistjoni agixxewx in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli meta ma tawx l-awtorizzazzjoni ghar-rilaxx tal-merkanzija importata mill-atturi fis-26 ta' Novembru 1991 u fis-6 ta' Dicembru 1991 rispettivament.

33. Ghalkemm kien hemm okkazjonijiet fejn il-Qrati taghna osservaw illi l-precitat **Artikolu 469(A)(5)** japplika biss ghal dawk l-azzjonijiet li jsiru bis-sahha ta' l-**Artikolu 469(A)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk ghal azzjonijiet istitwiti **wara** l-1 ta' Ottubru 1995[30], xorta jibqa' l-fatt li fl-istharrig ta' azzjonijiet amministrattivi l-Qrati taghna dejjem applikaw *the test of reasonable exercise* biex jiddeterminaw jekk tali azzjoni amministrattiva tohloqx fl-awtorità pubblika koncernata responsabilità civili fil-

---

[29] Enfasi ta' din il-Qorti.

[30] **Frank Pace v. Kummissarju tal-Pulizija et, Appell Civili Nru. 1311/78** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005.

konfront tal-privat. Jigi, inoltre, osservat illi fi kwalunkwe kaz il-procedura li l-konvenuti jippretendu li kellha tigi adoperata mill-ewwel Qorti u li ghandha tigi adoperata minn din il-Qorti hija bbazata fuq principji guridici ormai destitwiti minn kull logika li kienu jirritjenu li l-funzjoni tal-Qrati kienet limitata ghall-indagini dwar jekk l-ghemil kienx jirrientra fl-attribuzzjonijiet ta' l-awtorità izda mhux ukoll li jezaminaw *l'opportunità o la giustizia di esso*[31].

34. B'hekk fid-dawl tal-principji guridici hawn aktar 'l fuq imsemmija, is-sentenza appellata ma tistax titqies li hi *extra petita*, u ghaldaqstant it-tieni aggravju ta' l-appell sollevat mill-konvenuti qed jigi michud.

35. Bit-tielet aggravju ta' l-appell taghhom il-konvenuti jikkritikaw l-istharrig tad-decizjoni amministrattiva meritu tal-kontestazzjoni kif maghmul mill-ewwel Qorti. Huma jikkontendu li d-diskrezzjoni ezercitata mill-konvenuti kienet wahda ta' natura soggettiva u b'hekk mhux sindakabbli mill-Qorti. Jikkontendu wkoll li t-tifsira ta' x'inhu ragjonevoli moghtija minn dik il-Qorti ma hijiex dik normalment addottata u b'hekk erronejament waslet ghall-konkluzjoni li d-decizjoni mehuda mill-konvenuti li ma jawtorizzawx ir-rilaxx taz-zewg konsenji ta' *canned chopped ham* meritu tal-kontestazzjoni kienet *unreasonable* u li tirrendihom ghalhekk passibbli ghad-danni fil-konfront ta' l-atturi. Il-konvenuti jargumentaw illi bl-ezami li ghamlet l-ewwel Qorti dwar jekk il-merkanzija importata mill-atturi kenitx konformi jew le mal-licenzja ta' importazzjoni mahruga favur taghhom u bil-konsegwenti decizjoni taghha fuq dan il-punt, gie li dik il-Qorti assumiet hi stess funzjoni amministrattiva u ghamlitha ta' superjur gerarkiku tad-Direttur ta' l-Agrikoltura f'affarijiet ta' agrikoltura u tal-Kontrollur tad-Dwana fl-affarijiet ta' dwana. Huma jibbazaw dan l-argument fuq l-affermazzjoni li x'jaqa' jew ma jaqax fil-klassifika marbuta ma' licenzja jikkostitwixxi ezercizzju ta' diskrezzjoni soggettiva[32].

[31] **Anthony Psaila v. Kummissarju tal-Pulizija, Citaz. Nru. 1734/97PS** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fi-28 ta' Jannar 2004.
[32] Fol. 13 tal-process ta' l-Appell.

36. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament tal-konvenuti ghaliex biex fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami isir stharrig korrett tad-decizjoni amministrattiva li hadu l-istess konvenuti meta l-atturi gew biex jizdoganaw iz-zewg konsenji ta' merkanzija meritu tal-kontestazzjoni, irid necessarjament jigi indagat jekk dik il-merkanzija importata mill-atturi kenitx o meno koperta bil-licenzja ta' importazzjoni mahruga favur taghhom f'Settembru 1991. Huwa minnu li l-mod kif tigi mhejjija klassifika fir-rigward ta' importazzjoni ta' prodotti huwa ezercizzju diskrezzjonali soggettiv izda, fil-kaz prezenti ma hijiex il-klassifika li qed tigi mistharrga izda, id-decizjoni li hadu l-konvenuti li ma jawtorizzawx ir-rilaxx tal-merkanzija importata mill-atturi ghaliex fil-fehma taghhom ma kenitx merkanzija koperta bil-licenzja mahruga favur taghhom ghaliex mhux konformi mal-kriterji stabbiliti fil-*Codex Alimentarius*; decizjoni din, kif korrettament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, bazata fuq ezercizzju diskrezzjonali oggettiv u mhux soggettiv, u ghalhekk sindakabbli mill-Qorti.

37. Il-konvenuti jiccitaw in sostenn ta' l-argument taghhom is-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Bezzina v. Onor. Nutar Joseph Abela et noe** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Mejju 1958. Din il-Qorti però ma tarax kif dak deciz f'dik is-sentenza jista' jinfluwixxi fuq il-proceduri odjerni stante li f'dak il-kaz kienu qed jigu attakkati regolamenti ta' ligi vinkolanti u mhux decizjoni amministrattiva ta' awtorità pubblika mhux imsejsa fuq ebda regolament li ghandu sahha ta' ligi fil-pajjiz.

38. Iccarat dan il-punt, jehtieg issa jigi trattat ir-rekwizit ta' *reasonableness* li jiddetta d-decizjonijiet amministrattivi mehuda minn awtoritajiet pubblici fl-ezercizzju tal-poteri taghhom. Fl-20 ta' Settembru 1991 l-atturi ottjenew mid-Direttur tal-Kummerc licenzja ghall-importazzjoni ta' *canned chopped ham*[33] u bis-sahha ta' din l-istess licenzja kkonkludew kuntratt mas-socjetà estera Theo Bauwens N.V. biex jimportaw konsenji ta' *canned chopped ham*[34]. L-atturi minnufih importaw l-ewwel zewg konsenji ta'

[33] Dok. "A" a fol 6 tal-process tal-Prim Istanza.
[34] Dok. "B" a fol. 7 tal-process tal-Prim Istanza.

*canned chopped ham* provdut lilhom mill-imsemmija socjetà estera, liema zewg konsenji waslu Malta fis-26 ta' Novembru 1991 u fis-6 ta' Dicembru 1991 rispettivament. Ghalkemm dawn iz-zewg konsenji ghaddew mid-Dwana regolarment, il-Kontrollur tad-Dwana, fuq parir tad-Direttur ta' l-Agrikoltura, innega r-rilaxx ta' dawn iz-zewg konsenji stante li skond id-Direttur ta' l-Agrikoltura l-prodott importat ma kienx *canned chopped ham* ghaliex mhux konformi mal-kriterji stabbiliti fil-*Codex Alimentarius* dwar dan il-prodott partikolari. Izda, mill-atti processwali irrizulta li: (**a**) il-*Codex Alimentarius* ghalkemm dokument rikonoxxut internazzjonalment ma kienx fiz-zmien rilevanti ossia, fiz-zmien meta inharget il-licenzja favur l-atturi u meta gew importati z-zewg konsenji ta' merkanzija in kwistjoni, jifforma parti mil-legislazzjoni domestika u l-kriterji fih stabbiliti ma kienux imposti bhala kondizzjonijiet fil-licenzja mahruga favur l-atturi; il-*Codex Alimentarius* gie introdott fil-legislazzjoni domestika permezz ta' Avviz Legali Nru. 65 ta' l-1992 li dahal fis-sehh biss fis-17 ta' Lulju 1992 ossia, fil-mori tal-proceduri odjerni; u li (**b**) il-prodott importat mill-atturi gie klassifikat mill-Espert Tekniku l-Professur Victor Ferrito bhala *chopped ham* u mhux *cured ham*[35]. Huwa fil-kuntest ta' dawn ir-rizultanzi fattwali li ghandu jigi kkunsidrat jekk id-decizjoni amministrattiva li hadu l-konvenuti li ma jirrilaxxjawx il-merkanzija importata mill-atturi fis-26 ta' Novembru 1991 u fis-6 ta' Dicembru 1991 rispettivament, tghaddix it-test ta' ragjonevolezza.

39. Huwa stabbilit illi decizjonijiet ta' awtorità pubblika huma irragjonevoli *if they are manifestly unjust; if they disclosed bad faith; if they could find no justification in the minds of reasonable men.* H.W.R. Wade fil-ktieb tieghu **Adiministrative Law** jghid illi *a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason*

[35] Fol. 64 sa' 65 tal-process tal-Prim' Istanza.

*directs. He must act reasonably* (Lord Wrenbury fil-kaz **Roberts v. Hopwood** [1925] AC578) *… Virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … Within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*[36].

40. Fil-kaz **Associated Provincial Picture Houses v. Wednesbury Corporation** [1948] 1 KB 223, Lord Greene osserva li *the bounds of legal reasonableness* f'decizjoni ta' awtorità pubblika ma jkunux gew osservati jekk id-decizjoni in ezami tkun *so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority*. Fl-istess kuntest Lord Denning fil-kaz **Secretary of State for Education v. Tameside Metropolitan Borough Council** [1977] AC 1014 qal li d-decizjoni ma tkunx *within the bounds of legal reasonableness* jekk tkun *so wrong that no reasonable person could sensibly take that view*; u Lord Diplock fil-kaz **Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service** [1985] AC 374 qal li decizjoni amministrattiva tkun *beyond the bounds of legal reasonableness* jekk tkun *so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it*[37]. Kif già osservat, fil-kaz in ezami l-konvenuti ma awtorizzawx ir-rilaxx tal-merkanzija importata mill-atturi fuq il-premessa li l-prodott importat minnhom ma kienx jikkwalifika bhala *chopped ham* skond il-*Codex Alimentarius* u ghalhekk ma kienx kopert bil-licenzja mahruga favur taghhom. Izda, mill-gdid jigi osservat illi fiz-zmien in kwistjoni l-*Codex Alimentarius* ma kienx jifforma parti mil-ligi domestika u l-kriterji stabbiliti fih dwar x'jammonta ghal *chopped ham* ma kienux indikati bhala kondizzjonijiet fil-licenzja ta' importazzjoni mahruga favur l-atturi.

---

[36] HWR Wade – **Administrative Law** pagni 397, 398 u 407.

[37] Ara **Denise Buttigieg v. Rettur ta' l-Università ta' Malta et, Citaz. Nru. 1435/02NC** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Dicembru 2003.

41. Fid-dawl ta’ dan kollu, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li d-decizjoni amministrattiva li hadu l-konvenuti ma tghaddix it-test tar-ragjonevolezza ghaliex bbazata fuq kriterji mhux mgharrfa lil kulhadd, inkluzi ghalhekk l-atturi, li jirrendu dik id-decizjoni mhux oggettiva u l-istess ghal kulhadd.

42. Favur it-tezi taghhom li fil-kaz in ezami t-talba attrici ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabilità ghad-danni u konsegwenti kundanna ghall-hlas ma ghandhiex tigi milqugha, il-konvenuti jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Denise Buttigieg v. Rettur ta’ l-Università ta’ Malta et**, Citaz. Nru. 1435/02 deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Dicembru 2002[38] fejn gie deciz illi d-decizjoni attakkata f’dawk il-proceduri *ma tistax titqies li hi imsejsa fuq bazi irraggjonevoli* u b’hekk it-talba ghad-danni ta’ l-attrici giet michuda. Din il-Qorti, però, hi tal-fehma li fil-kaz odjern ma tistax tasal ghall-istess decizjoni li waslet ghaliha l-Prim Awla tal-Qorti Civili f’dawk il-proceduri gudizzjarji u dana billi c-cirkostanzi ta’ dak il-kaz, partikolarment dawk li wasslu ghat-tehid tad-decizjoni hemm attakkata, kienu ferm differenti minn dawk tal-kaz odjern. F’dak il-kaz ghalkemm is-suggett *Principles of Nutrition* ma kienx indikat fir-Regolamenti Universitarji bhala *core subject,* l-attrici kienet taf ben tajjeb illi l-istess suggett kien qed jigi kkunsidrat bhala obbligatorju u li kellha tissupera l-ezami fih biex setghet tkompli l-*course* taghha u ghalhekk id-decizjoni li finalment ittiehdet mill-Università kienet bazata fuq kriterji maghrufa minn qabel lill-istess attrici[39]. Is-sitwazzjoni fil-kaz in dizamina hija, kif jirrizulta mill-atti processwali, ferm differenti. L-atturi wara li ottjenew licenzja ghall-importazzjoni ta’ *canned chopped ham* u minghajr ebda indikazzjoni fuq l-istess licenzja li l-prodott kellu jkun konformi mal-kriterji tal-*Codex Alimentarius*, gew rinfaccjati bid-decizjoni tal-konvenuti bazata fuq kriterji mhux maghrufa lilhom u mhux formanti parti mil-legislazzjoni domestika.

43. In sostenn ta’ l-argument taghhom il-konvenuti jiccitaw ukoll is-sentenza **Roberto Zamboni noe v. Id-Direttur tal-Kuntratti et** Citaz. Nru. 928/96FDP deciza minn din il-Qorti – diversament komposta – fil-31 ta’ Mejju

[38] Nota ta’ Referenzi tal-konvenuti pprezentata fis-16 ta’ Lulju 2007.
[39] Pagna 13 tas-sentenza.

2002 fejn it-talba ghad-danni ta' l-attur nomine f'dawk il-proceduri giet michuda. Hawn ukoll, però, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konkluzjoni f'dik il-kawza ma tistax tigi applikata ghall-kaz in dizamina, ghaliex it-talba ghad-danni ta' l-attur nomine f'dawk il-proceduri giet michuda mhux in bazi ghal argumenti simili ghal dawk sollevati mill-konvenuti f'dawn il-proceduri izda ghaliex l-attur nomine istitwixxa l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuti f'dawk il-proceduri oltre t-terminu statutorju ta' sitt xhur previst fl-**Artikolu 469(A)**.

44. Anke d-decizjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Chairman Public Broadcasting Services Limited et noe v. Awtorità tax-Xandir** Appell Nru. 711/02 deciza fil-15 ta' Jannar 2003, fejn gie dikjarat li d-decizjoni li hadet l-Awtorità konvenuta ma kenitx rragjonevoli ma tistax b'xi mod teffettwa d-decizjoni ta' din il-Qorti f'dawn il-proceduri, ghaliex ic-cirkostanzi ta' dak il-kaz kienu ghal kollox differenti mic-cirkostanzi fil-kaz in ezami.

45. Il-Qorti hija tal-fehma li huwa l-principju enuncjat fis-sentenza **Nazzareno Fenech v. Chairman ghan-nom ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku** Citaz. Nru. 481/96GCD deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2001 li jsib applikazzjoni fil-kaz in dizamina. F'dik is-sentenza inghad illi *li l-awtorità ghandha s-setgha li tfassal policy mehtiega biex jintlahaq il-ghan li jkun hemm sistema ta' trasport pubbliku integrat sew, minghajr perikolu, ekonomiku w efficjenti, johrog mil-ligi li waqqfitha; izda, safejn il-policy tolqot drittijiet ta' terzi, bhal fil-hrug ta' licenzji, ghandha ssir bil-mezz li tipprovdi l-ligi stess fl-art.27, li jaghti lill-attrici, bil-kunsens tal-ministru, is-setgha li taghmel regolamenti. Hekk il-kriterji ghall-hrug tal-licenzji mhux biss ikunu maghrufa minn kulhadd izda wkoll il-bazi tad-decizjonijiet tkun wahda oggettiva, u l-istess ghal kulhadd. Fil-kaz ta' l-attur, id-decizjoni li tkun michuda t-talba tieghu ttiehdet fuq bazi ta' policy li ma kinitx specifikata u mfissra kif trid il-ligi; ghalhekk id-decizjoni kienet wahda ultra vires*. Meta l-fatti tal-kaz in dizamina jigu kkunsidrati mill-perspettiva korretta jirrizulta immedjatament car li dak li inghad mill-Prim Awla tal-Qorti

Civili fil-precitata sentenza japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

46. Ghaldaqstant it-tielet aggravju tal-konvenuti qed jigi michud.

47. Bir-raba' aggravju ta' l-appell taghhom il-konvenuti jikkontendu li l-hrug ta' licenzja ta' importazzjoni jimponi, fir-rigward tat-tip ta' prodotti li jistghu jigu importati bis-sahha ta' dik il-licenzja, obbligi fuq l-importatur u mhux fuq l-Awtorità li tohrog il-licenzja. In sostenn ta' dan l-argument l-konvenuti jghidu illi *huwa rilevanti wkoll illi l-licenzja ta' importazzjoni tinhareg suggetta ghall-kundizzjonijiet, u dan ifisser li m'hemmx permess ghall-importazzoni jekk l-oggett innifsu u c-cirkostanzi tal-importazzjoni ma jkunux konformi ma' dawk il-kundizzjonijiet. Ghalhekk l-obbligu qieghed fuq l-importatur li jsegwi dak li ddikjara hu stess meta applika ghal-licenzja u jottempora ruhu mieghu. Donnha s-sentenza tpoggi l-affarijiet bil-kontra – li l-awtoritajiet iridu jinformaw lill-importatur jekk hemm xi ambigwità u mhux l-oppost*[40]. Din il-Qorti ma taqbilx mal-pretensjoni tal-konvenuti u dan ghar-raguni, kif già inghad iktar 'l fuq, li r-rifjut da parti taghhom li jirrilaxxjaw il-merkanzija importata mill-atturi bis-sahha tal-licenzja ta' importazzjoni mahruga favur taghhom ma kienx ibbazat fuq il-vjolazzjoni ta' xi kondizzjoni specifikatament imposta fl-istess licenzja jew fuq il-vjolazzjoni ta' xi regolament tal-ligi applikabbli, izda fuq kriterji li l-atturi ma kienux gew mgharrfa bihom minn qabel u li ma kienux jifformaw parti mil-legislazzjoni domestika. Mill-gdid issir referenza ghall-principju enuncjat fil-precitata sentenza **Nazzareno Fenech v. Chairman ghan-nom ta' l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku** li juri bic-car li l-kontestazzjoni tal-konvenuti hija guridikament insostenibbli; jekk l-awtorità pubblika trid tadotta *policy* li biha ser tillimita jew tikklassifika x'tip ta' prodotti jistghu jigu importati f'Malta, din il-*policy* ghandha tkun reza pubblika biex tkun mgharrfa lil kulhadd, u b'hekk tkun tippermetti decizjonijiet gusti w oggettivi w ugwali ghal kulhadd.

[40] Fol. 16 tal-process ta' l-Appell.

48. Jigi osservat ukoll li r-raba' aggravju ta' l-appell huwa bbazat fuq numru ta' insinwazzjonijiet fil-konfront ta' l-atturi fis-sens li dawn donnhom ippruvaw jidhqu bl-awtoritajiet billi jimportaw f'Malta prodott mhux permess li jigi kummercjalizzat lokalment, billi fl-applikazzjoni taghhom ghall-hrug tal-licenzja ta' importazzjoni indikawh b'isem ta' prodott iehor li invece jista' jigi kummercjalizzat lokalment. Dawn l-insinwazzjonijiet, però, ma jsibu ebda riskontru fattwali fl-atti tal-process u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser tikkonsidrahom aktar. Barra minnhekk, fir-rigward tal-punt ta' importazzjoni ta' merkanzija li ma hijiex koperta b'licenzja ta' importazzjoni l-konvenuti jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Mejju 1992[41]. Fil-fehma ta' din il-Qorti dik is-sentenza wkoll ma ghandha ebda rilevanza fil-kuntest tal-proceduri odjerni billi dak il-kaz kien jirrigwarda importazzjoni ta' prodotti li l-importazzjoni taghhom kienet espressament ipprojbita fl-istess licenzja mahruga favur l-importatur; fatti dawn li ma jsibu ebda riskontru fil-proceduri odjerni. Ghaldaqstant, ir-raba' aggravju ta' l-appell qed jigi michud.

49. Bil-hames aggravju ta' l-appell taghhom il-konvenuti jattakkaw id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti fejn sabet lill-Kontrollur tad-Dwana responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-atturi flimkien mad-Direttur ta' l-Agrikoltura.

50. Skond il-konvenuti l-Kontrollur tad-Dwana wkoll kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dana ghaliex *f'dan il-kaz, peress li l-licenzja ta' importazzjoni kienet hemm biex tipprotegi s-settur agrikolu Malti, id-Dwana talbet konferma mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li dak il-prodott jaqa' taht dak l-HS Code u taht id-deskrizzjoni kif imnizzla originarjament mill-importatur fil-licenzja. Id-Dwana qaghdet fuq dak li qal id-dipartiment iktar tekniku ghaliex ma kienx hemm raguni ghaliex kellha twarrab l-analizi li saret minn dan id-Dipartiment. Ghalhekk, id-Dwana kienet qed tagixxi ghan-nom ta' dipartiment iehor u*

[41] Nota ta' Referenzi pprezentata fis-16 ta' Lulju 2007.

*skond il-parir tieghu, u ladarba l-analizi teknika tad-Dipartiment uriet li d-Dwana kellha zzomm ir-rilaxx, id-Dwana ma setghetx tordna r-rilaxx*[42].

51. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi dan l-argument tal-konvenuti appellati, u dana ghaliex kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata *ghalkemm forsi jista' jinghad li l-Kontrollur tad-Dwana ma kienx f'posizzjoni li jiddetermina jekk il-prodott in kwistjoni setax jigi kklassifikat bhala canned chopped ham jew le, xorta jibqa' l-fatt illi huwa seta', kieku ried, attinga ruhu mal-kondizzjonijiet imposti mil-licenzja ghall-importazzjoni u, a bazi ta' dawk il-kondizzjonijiet, irrilaxxa l-merkanzija in kwistjoni. Kieku ghazel din it-triq (li, jigi osservat, kienet l-aktar wahda ragjonevoli fic-cirkostanzi) il-Kontrollur tad-Dwana ma kien jinkorri ebda responabilità*[43]. Galadarba l-Kontrollur tad-Dwana ghazel li jassekonda lid-Direttur ta' l-Agrikoltura f'decizjoni li ma kenitx ibbazata la fuq kundizzjonijiet specifikatament imposti fil-licenjza ta' importazzjoni mahruga favur l-atturi u lanqas fuq kriterji maghrufa, gie li rrenda ruhu ugwalment responsabbli daqs id-Direttur ta' l-Agrikoltura fil-konfront ta' l-atturi ghad-danni minnhom subiti. Ghaldaqstant il-hames aggravju ta' l-appell tal-konvenuti qed jigi michud.

52. Bis-sitt aggravju ta' l-appell taghhom il-konvenuti jikkontestaw il-konkluzjoni teknika tal-Professur Victor Ferrito nominat bhala espert mill-ewwel Qorti biex jghid jekk il-merkanzija meritu tal-proceduri odjerni tikkwalifikax bhala *canned chopped ham*. Fir-rapport tieghu l-Professur Ferrito kkonkluda li *l-merkanzija in kwistjoni tista' fl-opinjoni tieghi, tigi ikklassifikata bhala CHOPPED HAM* u ssostanzja din il-konkluzjoni b'analizi u spiegazzjoni dettaljata[44]. Ghalkemm il-konvenuti jressqu diversi argumentazzjonijiet in sostenn tal-pretensjoni taghhom li l-konkluzjoni tal-Professur Ferrito ghandha tigi skartata, din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ghandha taghmel dan. Kontra dak pretiz mill-konvenuti, il-konkluzjoni tal-Professur Ferrito hi bazata fuq analizi akkurata tal-prodott

[42] Fol. 17 tal-process ta' l-Appell.
[43] Fol. 646 tal-process tal-Prim' Istanza.
[44] Fol. 64 sa' 65 tal-process tal-Prim' Istanza.

in kwistjoni li minnha irrizulta li l-istess jikkwalifika bhala *chopped ham*. Ladarba l-ligi kienet f'dak iz-zmien siekta fuq x'irid ikun fih prodott biex jikkwalifika bhala *chopped ham* li jista' jigi importat u kummercjalizzat f'Malta, il-konvenuti ma jistghux jippretendu li l-kriterji stabbiliti fil-*Codex Alimentarius* ghandhom iwaqqghu l-konkluzjoni teknika milhuqa minn dan il-perit. Ghaldaqstant is-sitt aggravju ta' l-appell tal-konvenuti qed jigi michud ukoll.

53. Bis-seba' aggravju ta' l-appell taghhom il-konvenuti jikkontendu li l-atturi ma ghamlu xejn biex jimminimizzaw id-danni allegatament sofferti minnhom u jippretendu li dan *ikompli jsahhah il-prova illi l-prodott ma kienx wiehed tajjeb li jista' jimxi fis-suq u li dawn il-proceduri huma fin-natura ta' avventura immirata biex l-atturi jippruvaw jigu indenizzati ghall-izbalji u t-traskuragni taghhom mill-erarju pubbliku*[45]. Fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid billi dak kollu li ghadu kif inghad iktar 'l fuq juri bl-iktar mod car l-infondatezza ta' l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-intenzjoni ta' l-atturi wara l-proceduri odjerni hi li *jippruvaw jigu indenizzati ghall-izbalji u t-traskuragni taghhom mill-erarju pubbliku*. Dwar il-fatt li l-atturi ma imminimizzawx id-danni minnhom sofferti b'konsegwenza tad-decizjoni li hadu l-konvenuti, din il-Qorti hi tal-fehma li dan il-punt gie debitament trattat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. In effetti dik il-Qorti gustament ma akkordatx danni lill-atturi fejn ma kienx jisthoqqilhom u fost ir-ragunijiet moghtija minn dik il-Qorti ghaliex certa danni pretizi mill-atturi ma gewx akkordati lilhom kienet proprju ghaliex huma ma hadux il-mizuri necessarji biex jimminimizzaw id-danni minnhom sofferti. Ghaldaqstant, is-seba' u l-ahhar aggravju ta' l-appell tal-konvenuti qed jigi michud ukoll.

**<u>Decide</u>**

54. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell principali interpost mill-atturi, hlief ghal dak li jirrigwarda l-ghoti ta' imghax legali fuq is-somma intiera likwidata in linea ta' danni favur taghhom li ghandu jiddekorri mid-data tas-

[45] Fol. 19 tal-process ta' l-Appell.

sentenza appellata sad-data ta’ l-effettiv pagament, u tichad l-appell incidentali tal-konvenuti fl-intier tieghu, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu (**a**) iddikjarat li l-merkanzija importata mill-atturi kienet konformi ma’ u koperta bil-licenzja lilhom mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc fl-20 ta’ Settembru 1992; (**b**) iddikjarat li l-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta’ l-Agrikoltura u Sajd u d-Direttur ta’ l-Agrikoltura huma responsabbli *in solidum* ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba agir abuziv u illegali taghhom konsistenti fir-rifjut tar-rilaxx tal-merkanzija importata taht il-precitata licenzja; (**c**) illikwidat id-danni fis-somma komplessiva ta’ hmistax-il elf tlett mija tlieta u sittin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm15,363.75) [illum ekwivalenti ghal €35,787.91], u tvarjaha biss (**d**) in kwantu l-konvenuti Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru ta’ l-Agrikoltura u Sajd, u d-Direttur ta’ l-Agrikoltura *in solidum* gew ikkundannati jhallsu lill-atturi s-somma likwidata ta’ Lm15,363.72 [€35,787.91], oltre l-ispejjez tal-kawza, u minflok (**e)** tikkundanna lill-istess imsemmija konvenuti *in solidum* ihallsu lill-atturi s-somma ta’ hamsa u tletin elf seba’ mija u sebgha u tmenin Euro u wiehed u disghin centezmu (€35,787.91) [ekwivalenti ghal Lm15,363.72], bl-imghax legali dekorribbli mill-25 ta’ Jannar 2005 (id-data tas-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti) sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi waqt li l-ispejjez ta’ dawn l-appelli ghandhom jigu sopportati bil-mod segwenti: l-ispejjez relattivi ghall-appell principali ta’ l-atturi ghandhom jithallsu mill-istess atturi u l-ispejjez relattivi ghall-appell incidentali tal-konvenuti ghandhom jithallsu mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------